**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Sede Kostituzzjonali**

**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Numru 377/2022DC**

***Chawakh Kasem***
***Kasem Kasem***

***vs***

***Avukat Ġenerali***
***Kummissarju tal-Pulizija***
***u b'degriet tat-30 ta' Settembru 2022 issejjaħ fil-kawża***
***L-Avukat tal-Istat***

**Illum, 10 ta' Lulju 2025**

**Il- Qorti,**

Rat **ir-rikors ta' l-atturi** ppreżentat fit-13 ta' Lulju, 2022 permezz ta' liema ppremettew:-

*Illi fit-28 ta' Mejju 2014 l-esponenti ġew akkużati, inter alia, li kkawżaw ġrieħi gravi fuq il-persuna ta' Faisal Alhamed;*

*Illi fil-11 ta' April 2016 Dr Manuel Mallia u Dr Kathleen Grima għall-parte ċivile issoleċitaw l-Avukat Ġenerali sabiex janalizza l-akkuża de quo stante li mill-provi prodotti l-akkuża idonea f'dan i-każ għandha tkun waħda ta' tentattiv ta' ommiċidju volontarju u dan stante diversi każijiet simili fejn l-istess akkuża ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju ġiet intavolata mill-istess uffiċju tal-AG;*

*Illi fit-30 ta'Mejju 2016 l-Avukat Ġenerali talab li tiżdied l-akkuża ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju;*

*Illi fit-18 ta' Lulju 2016, fl-10 ta' Ottubru 2016, 17 ta' Novembru 2016, 2 ta' Jannar 2017 huwa għamel l-istess talba;*

*Illi fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2017 il-prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni u ppreżentat ċitazzjoni ġdida, liema talba ġiet milqugħa min din l-Onorabbli Qorti;*

*Illi dakinhar l-difiża kienet irriservat id-drittijiet tagħha fuq l-preżentanta ta' l-akkużi ġodda;*

*Illi tajjeb li jingħad li t-talba tal-parte ċivile kif ukoll tal-Avukat Ġenerali sabiex tiżdied l-akkuża ta tentattiv ta' omiċidju volontarju saret fi stadju avvanzat tal-proċeduri u mingħajr ma kien hemm l-ebda prova ġdida in sostenn ta' din il-bidla fl-akkuża tant aktar serja;*

*Illi bħala fatt qabel din it-talba kienu xehdu is-segwenti;*

*Fit-13 ta' Ottubru 2014 xehed Dr.Mario Scerri (fol. 165) u ppreżenta rapport dwar ġrieħi li ġarrab Faisal Al Hamed fil-ġlieda li seħħet f' San Ġwann, nhar is-26 ta' Mejju 2014 (fol. 167 et. seq.)*

*Illi fid-9 ta' Ġunju 2014 xehed l-Ispettur Daryl Borg (fol. 35 et. seq. tal-proċess) dwar il-fatti li rriżultaw mill-investigazzjoni tal-inċident u spjega kif arġument bejn iż-żewġ akkużati u l-allegat vittma żvolġa fi ġlied bl-idejn. Huwa kkonferma wkoll illi kien Kasem Kasem stess li ħa lill-vittma l-isptar wara l-inċident sabiex jingħata l-ewwel kura;*

*Illi fid-9 ta' Ġunju 2014 xehed PS 69 Jesmond Cremona (fol. 42 et. seq.) dwar il-fatti tal-inċident;*

*Illi fid-9 ta' Ġunju 2014 xehed Dahham Al Hamid (fol. 48 et. seq.), il-kuġin tal-allegat vittma;*

*Illi fis-16 ta' Ġunju 2014 xehed l-allegat vittma Faisal Al Hamed (fol. 83 et. seq.);*

*Illi fit-13 ta' Ottubru 2014 xehed Dr. Martin Bajada (fol. 178) u ppreżenta rapport (fol. 180 et. seq.) rigward is-'CCTV footage' meħud mill-istabbiliment Titan, San Ġwann;*

*Illi fit-13 ta' Ottubru 2014 xehed PC 908 George Grixti (fol.191 et. seq.) dwar il-fatti tal-inċident;*

*Illi fl-24 ta' Novembru 2014 xehdet Dr.Marisa Cassar (fol. 206) u ppreżentat rapport (fol. 208 et. seq.) rigward analiżi għall-preżenza ta' demm u tad-DNA fuq il-kampjuni mgħoddija lilha;*

*Illi fl-24 ta' Novembru 2014 xehdu PS 404 Paul Camilleri u PC 1331 Darren Debattista (fol. 222) u ppreżentaw rapport (fol. 224) dwar l-eżamijiet forensiċi li saru;*

*Illi fil-5 ta' Jannar 2015 xehed Dr. Adrian Mifsud (fol. 315 et. seq.) dwar il-ġrieħi li eżamina fuq pazjent fl-emerġenza;*

*Illi fil-5 ta' Jannar 2015 l-Ispettur Saviour Baldacchino xehed u esebixxa l-mobile bis-sim card ta' Chawakh Kasem (fol. 317);*

*Illi fis-27 ta' April 2015 xehed PS 659 Jeffrey Hughes (fol. 340) u ppreżenta r-relazzjoni tiegħu bħala espert tal-impronti diġitali (fol. 342 et. seq.);*

*Illi fit-8 ta' Ġunju 2015 xehed Dr. Steven Farrugia Sacco (fol. 386 et. seq.) u ppreżenta relazzjoni (fol. 388 et. seq.) dwar informazzjoni misjuba fuq ċellulari;*

*Illi fit-12 ta' Ottubru 2015 xehed Dr. Mario Scerri (fol. 467 et. seq.) u ppreżenta rapport (fol. 469 et. seq.) rigward l-eżami medikolegali li sar fuq Faisal Al Hamed nhar l-4 ta' Ġunju 2015;*

*Illi fid-29 ta' Frar 2016 xehed Dr. Steven Farrugia Sacco (fol. 513) u ppreżenta rapport rigward l-eżami ta' ċellulari;*

*Illi din kienet l-aħħar xhieda li nstemgħet qabel ma saret il-korrezzjoni tal-akkuża għal-waħda ta' attentat ta' qtil;*

*Illi fir-rinviju segwenti datat ir-4 t' April 2016, ma saret ebda talba mill-Avukat Ġenerali għal korrezzjoni tal-akkużi;*

*Illi skont l-artikolu 435(2) tal-Kodiċi Kriminali, l-Qorti tal-Maġistrati għandha tissokta l-kompilazzjoni fuq reat ieħor li ma jkunx imdaħħal fil-kompilazzjoni kemm-il darba jkun hemm provi ġodda miġbura mill-Avukat Ġenerali;*

*Illi sa minn qabel l-4 ta' April 2016 kienu nstemgħu x-xiehda pajżana kollha, kif ukoll numru sostanzjali ta' xiehda oħra sussidjarji u aktar importanti l-esperti tal-Qorti rigward il-feriti li allegatament garab il-parte ċivile;*

*Illi ma nstemgħa ebda xhud u ma nġabet ebda prova ġdida bejn id-data tal-bidu ta' dan il-każ u meta intalbet il-korrezzjoni sabiex tiġġustifika din it-talba;*

*Illi barra minn hekk, ma ngħatat ebda spjegazzjoni jew raġuni li setgħet b'xi mod remot tiġġustifika din it-talba da parti tal-Avukat Ġenerali;*

*Illi fid-dawl ta' dan kollu, ladarba ma nġabux provi ġodda, hekk kif jirrikjedi l-artikolu 435(2) tal-Kodiċi Kriminali, jekk huwa dan l-artikolu applikabbli, l-Avukat Ġenerali ħadem dan l-artikolu ħażin stante li fl-att ta' akkuża huwa ma jista' jdaħħal l-ebda reat li l-akkuża tiegħu ma tkunx tista' toħrog minn l-atti tal-kumpilazzjoni;*

*Ill f'dan il-każ il-parte ċivile sostniet li f'każijiet simili l-akkuża idonea hija dik ta' attentat ta' qtil. L-esponenti issostnu li f'każijiet simili fejn il-Pulizija*

*tixli persuna bir-reat ta' attentat ta' qtil, fil-maġġor parti tal-każijiet l-Avukat Ġenerali dejjem jibgħat l-atti tal-kawża bl-artikoli tal-liġi u jiskarta kompletament dan ir-reat;*

*Illi l-kawzi fl-ismijiet il-Pulizija vs Sean Demicoli, r-Repubbika ta' Malta vs Murad Madi u l-Pulizija vs Antonio Sultana huma uħud minn dawn il-kawżi;*

*Illi l-esponenti jemnu li l-aparti t-tħaddim ħazin tal-artikolu 435 tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali f'dan il-każ qed juża d-diskrezzjoni tiegħu ħazin, mingħajr l-ebda parametri u biss skond dak li jidirlu hu bi ksur lampanti tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti;*

*Illi l-fatt li l-liġi tagħti diskrezzjoni bla limitu lill-Avukat Ġenerali tagħti lok għall-abbuzz kif ukoll għal diskriminazzjoni bejn imputat u ieħor;*

*Illi l-liġi toħloq ukoll inċertezza għax l-Avukat Ġenerali jista' jiddeċiedi meta jrid u x'ħin irid li jbidel u jaggrava l-akkużi saħansitra anke meta ma jkunx hemm ebda ġustifikazzjoni;*

*Illi lanqas hemm xi tip ta' guideline jew indikazzjonijiet fuq xhiex għandu l-Avukat Ġenerali jiddeċidi fuq jekk jakkużax pero b'attentat ta' qtil jew li weġġa persuna;*

*Illi ċ-ċertezza legali għandha tkun waħda impliċita f'artikoli tal-Konvenzjoni u tikkonstitwixxi aspett fundamentali tas-saltna tad-dritt;*

*Illi l-esponenti f'din is-sitwazzjoni u fuq it-talba ta' l-Avukat Ġenerali ma kellhom l-ebda rimedju u dan l-istat huwa ukoll leżiv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u għalhekk ġie negat id-dritt li jkollom access għal-qrati f'dak l-istadju tal-proċeduri;*

*Illi b'dawn il-poteri l-Avukat Ġenerali ħoloq żbilanċ li ma setgħax jiġi ratifikat mill-Qorti għax il-Qorti stess iddikjarat li ma għandhiex kompetenza;*

*Illi żgur mhux forsi r-rikorrenti ma humiex qed jiġu tratti b'mod ġust u f'dan l-isfond issir referenza għal kaz Kafkaris v. Cyprus ([GC], no. 21906/04, ECHR 2008);*

*Illi din id-diskrezzjoni tmur kontra ukoll l-artikolu 7 tal-Kovenzjoni u dan peress li l-Konvenzjoni Ewropea tikkristalizża l- prinċipju li hija biss il-liġi li tista' validament tiddefinixxi reat u timponi l-kastig (nullum crimen sine lege). Minn dan jirriżulta illi r-reati u l-konsegwenzi tagħhom għandhom ikunu stabbiliti bil-liġi b'mod illi dak li jkun jaf mill-kliem tal-liġi innifisha dak li tipprojbixxi l-liġi (ara "Scoppola vs Italy");*

*Illi bil-bidla li għamel l-Avukat Ġenerali fl-akkużi, huwa iddeċida quddiem liem Qorti l-esponenti għandhom jigu iġġudikati u r-rikorrenti ma għandhom l-ebda rimedju fuq ir-rigward;*

*Illi l-Avukat Ġenerali lanqas jagħti spjega għalfejn iddeċieda li jitlob għal bidla fl-akkużi wara li ma kien hemm l-ebda evidenza ġdid li tista' tiġġustifika l-għemil tiegħu;*

*Illi l-esponenti talbu referenza kostituzzjonali fuq ir-rigward pero l-Qorti Istruttorja iddekretat permezz ta' digriet datat 18 ta' April 2022 li din it-talba kienet frivola u vessatorja;*

*Illi l-esponenti talbu lill-Qorti Istruttorja sabiex taghti dawk id-direttivi kif ukoll ordnijiet sabiex titneħħa l-akkużata' l-attentat ta' omiċidju volontarju minn l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' l-imputati u sabiex il-kumpilazzjoni tissokta fuq l-akkuzi kif oriġinarjament miġjuba pero l-Qorti iddekretat li ma kelliex il-poter u kompetenza li tiddeċiedi tali talba;*

*Illi mingħajr preġudiżżju għal dan il-kumpilazzjoni kontra r-rikorrenti diġa ħadet għexieren ta snin u u b'din l-emenda fl-akkużi l-kumpilazzjoni ġiet imtawla aktar bi ksur lampati tad-dritt tar-rikorrenti li jkollhom deċisjoni fiż-żmien xieraq u raġonevoli.*

U wara li hekk ippremettew l-atturi talbu lill-Qorti:-

1) *Tiddikjara li l-artikolu 435 tal-Kodiċi Kriminali huwa leżiv u qed jilledi d-drittijiet fundamentali tagħhom senjatament l-artikolu 6 u 7 tal-Konvenzjoni Europea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

2) *Takkorda dawk ir-rimedji xierqa w effettivi fic-ċirkostanzi fosthom li titneħħa l-akkuża ta' l-attentat ta' qtil stante li din l-akkuża żdiedet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom senjatament l-artikolu 6 u 7 tal-Konvenzjoni Europea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

3) *Tgħati kull provvediment xieraq u opportun ieħor u jekk jkun il-każ kumpens xieraq u adegwat li din l-Onorabbli Qorti jidrilha tieħu;*

4) *Tiddikjara li l-intimati jew minn minnhom, wettqu ksur tad-drittijiet fundamentali ta' smigħ xieraq a bazi tal-Arti 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni dwar drittijiet minħabba li r-rikorrenti ma ingħatawx smiegħ xieraq fiż-żmien raġonevoli u xieraq;*

5) *Tiffissa kumpens xieraq għal tali vjolazzjonijiet kif ukoll kumpens għal danni morali liema kumpens huwa dritt dirett hekk kif sanċit mill-Arti 5.5 tal-Konvenzjoni Ewropea bl-opera jekk hemm bżonn ta' periti nominandi;*

6) *Tikkundanna lill-intimati jew minn minnhom iħallsu l-kumpens hekk likwidat lill-esponenti, l-oltre l-imgħax legali;*

7) *Tagħti dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni;*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati, li minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

Rat **ir-risposta tal-konvenuti l-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija** ppreżentata fit-18 ta' Awwissu, 2022 [1] permezz ta' liema eċċepixxew:-

*Illi permezz tar-rikors promotur ir-rikorrenti qiegħdin jilmentaw illi l-fatt illi l-prosekuzzjoni fil-proċeduri pendenti fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Saviour Baldacchino) (Spettur Daryl Borg) vs Chawakh Kasem; Kasem Kasem" quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja talbet iż-żieda tal-akkuża ta' tentattiv ta' omoċidiju voluntarju liema talba intlaqgħet fis-16 ta' Jannar 2017 u peress li l-proċeduri ta' natura penali ilhom pendenti mit-28 ta' Mejju 2014, huma talbu lil dina l-Onorabbli Qorti (i) tiddikjara illi l-artikolu 435 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa leziv u qiegħed jilledi d-drittijiet fundamentali tagħhom sanċiti taht l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta; (ii) takkorda rimedji xierqa u effettivi inkluż illi titnehha l-akkuża ta' attentat ta' qtil; (iii) tipprovdi għal kumpens xieraq; u kif ukoll (iv) tidikkjara li l-proċeduri kriminali huma lezivi tal-artikolu 6 tal-Konvenzoni Ewropea u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta minhabba li r-rikorrenti allegatament ma inghatawx smiegħ xieraq fiż-żmien raġonevoli u b'hekk (v) tiffissa kumpens xieraq kif ukoll kumpens għal danni morali abbażi tal-artikolu 5.5 tal-Konvenzjoni Ewropea bl-opera jekk hemm bzonn ta' periti nominandi u tikkundana lill-intimati jħallsu tali kumpens;*

*Illi l-eċċezzjonijiet illi jsegwu qiegħdin jingħataw mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

*<u>Eċċezzjonijiet ta' Natura Preliminari</u>*

1. *Illi l-esponenti jirrilevaw illi ġialdarba r-rikorrenti qiegħdin jitolbu dikjarazzjoni minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex artikolu tal-Liġi senjatament l-artikolu 435 tal-Kap. 9 jigi ddikjarat leżiv tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll dikjarazzjoni illi r-rikorrenti ma ngħatawx smiegħ xieraq fi zmien raġonevoli, qieghdin formalment jeċċepixxu illi huma m'humiex il-leġittimu kontradittu ri għal dawn it-talbiet u b'hekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Illi preliminarjament, l-Artikolu 7 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni huma inapplikabbli għall-każ odjern stante li dawn l-artikoli japplikaw u huma limitati għall-każijiet fejn persuna ġiet misjuba ħatja (ċioe' ikkundannata) ta' reat kriminali;*

   *Ċertament li r-rekwiżit għall-applikabilita' ta' dawn l-artikoli li persuna tkun instabet ħatja u giet ikkundannata minhabba t-twettiq ta' reat kriminali qiegħed jirreferi għal deċizjoni finali u cioe' għal Qorti li mid-decizjoni taghha m'hemmx appell;*

[1] Fol 10.

*Illi l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick fil-pubblikazzjoni Law of the European Convention on Human Rights (It-tieni edizzjoni, pagna 332) jiċċaraw illi "The wording of Article 7 (1) is limited to cases in which a person is ultimately 'held guilty' of a criminal offence. A prosecution that does not lead to a conviction, or has not yet done so, cannot raise an issue under Article 7 – at least not by means of an individual application";*

*Illi jsegwi għalhekk li ġialadarba l-proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti għadhom pendenti, dina l-Onorabbli Qorti għandha tgħaddi sabiex tiddikjara li dawn l-artikoli huma inapplikabbli;*

3. *lli mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jirrilevaw illi permezz tad-digriet tat-18 ta' April 2022, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja diġa' ppronunzjat ruħha fuq talba għal riferenza abbażi tal-istess indoli kostituzzjonali li qegħdin jitqajjmu permezz tal-proċeduri odjerni fejn dik il-Qorti ddikjarat illi r-referenza Kostituzzjonali mitluba mir-rikorrenti fuq l-istess kawzali hija frivola u vessatorja u caħdet it-talba ghar-referenza. In vista tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 46 (5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-esponenti jecepixxu illi l-proceduri odjerni huma abbuz sfaccjat tal-proċeduri ġudizzjarji u dan għaliex ir-rikorrenti filwaqt li ma rnexxilhomx jidħlu mill-bieb, qiegħdin jittantaw illi jidhlu mit-tieqa. Għalhekk l-esponenti jeċepixxu illi dina l-azzjoni għandha wkoll tiġi dikjarata bħala frivola u vessatorja;*

*<u>Eċċezzjonijiet fil-Mertu</u>*

4. *Illi l-esponenti jeċċepixxu illi l-premessi u t-talbiet li jsegwu fir-rikors promotur huma infondati fil-fatt u fid-dritt bil-konsegwenza li għandhom jiġi miċħuda;*

5. *Illi l-esponenti jeċċepixxu illi f'proċeduri ta' natura kostituzzjonali, dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex isservi bħala Qorti ta' reviżjoni ai fini tal-proċeduri penali li ssoktaw jew li għadhom pendenti. Ċertament li dina l-Onorabbli Qorti mhijiex Qorti tat-tielet jew tar-raba' istanza kif qed jippretendu r-rikorrenti;*

6. *Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, l-esponenti jirrilevaw illi l-mekkaniżmu proċedurali li jaħseb għalih l-artikolu 435 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa mekkaniżmu ta' proċedura ordinarja li tiġi utilizzata kemm-il darba jirriżulta reat ieħor li jista' joħroġ mill-provi li jkunu qegħdin jinġabru waqt il-kors tal-kumpilazzjoni: tali reat ikun irriżulta minn provi ġodda liema provi ma jkunux disponibbli meta tkun inbdiet il-kumpilazzjoni. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li permezz tal-provi prodotti quddiem il-Qorti Istruttorja ħareġ ċar waqt li kienu qegħdin jinstemgħu il-provi illi r-rikorrenti hemmhekk akkużati setgħu f'dak l-istadju jiġu mixlija wkoll b'reat ta' attentat ta' omiċidju voluntarju. B'hekk tħaddem il-mekkaniżmu li għalih jaħseb l-artikolu 435 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi l-esponenti jirrilevaw li dak li r-rikorrenti jirreferu għaliha bħala 'diskrezzjoni' hija miżura fdata f'idejn l-Avukat Ġenerali u dan sabiex*

*jassigura li jekk mill-atti tal-kumpilazzjoni jirriżulta xi reat ieħor jiġi żgurat li tali reat ikun inkluż fl-akkuzi li bihom l-imputati jkunu akkużati. B'analoġija tista' ssir referenza għal miżura oħra fdata f'idejn l-Avukat Ġenerali u ċioe' s-separazzjoni tal-ġudizzju li tispetta biss lill-Avukat Ġenerali li jagħmel tali deċiżjoni. F'dan ir-rigward l-esponenti jagħmlu riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' April 2001 fl-Att ta' Akkuża numru 3/97 fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Carmel Attard fejn ġie osservat:*

*'Illi frankament din il-Qorti ma tistax tifhem is-sens ta' dan l-aggravju, għaliex fis-sistema legali tagħna is-separazzjoni tal-ġudizzju hija miżura li tiddependi mill-volonta', fl-ewwel lok, ta' l-Avukat Ġenerali u li fiha il-Qorti Kriminali, kif del resto anqas il-Qorti tal-Maġistrati, ma għandha diskrezzjoni. L-Avukat Ġenerali mhux marbut bil-liġi meta jista' jagħmel talba għas-separazzjoni tal-ġudizzju, u, f'dan il-każ partikolari, ċertament ma kien hemm xejn illi jorbtu, jobbligah, li jitlob is-separazzjoni tal-ġudizzju kif appena Ian Farrugia ddeċieda li jikkontesta l-akkuża miġjuba kontrih u mhux wara li ġie xolt il-ġuri tiegħu. It-talba setgħet saret kemm fil-ħin li qed jippretendi l-appellant, kif ukoll fil-ħin li effettivament saret, pero il-fatt li saret fl-aħħar wieħed minn dawn iż-żewġ okkażżjonijiet u mhux f'ta' l-ewwel ma jirrendix id-deċizjoni ta' l-Onorabbli Qorti Kriminali irregolari għaliex it-talba setgħet issir f'dak il-mument u kien sewwa li ssir f'dak il-mument u kien regolari li l-ewwel Qorti takkorda s-separazzjoni tal ġudizzju meta akkordatha. Dan l-aggravju għalhekk qed jiġi respint";*

*Illi minn eżami tal-atti tal-kumpilazzjoni jirriżulta illi l-esponent Avukat Ġenerali, permezz tar-rinviju datat it-30 ta' Mejju 2016, abbażi tas-setgħa li għandu ai termini tal-artikolu 435(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, talab sabiex tiżdied l-akkuża ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju fejn il-Qorti laqgħet it-talba waqt is-seduta datata s-16 ta' Jannar 2017. Dan sar wara illi ġew analizzati l-provi ġodda prodotti waqt il-kumpilazzjoni u irriżulta illi l-akkuża idoneja hija filfatt dik ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju. Inter alia, referenza ssir għall-eżami medikolegali li sar nhar is-27 ta' Mejju 2014 fuq il-persuna ta' Alhamed Faisal fejn fil-konklużjoni tiegħu l-espert Mario Scerri ikkonkluda 'Illi l-intervent kirugu kien neċċesarju għar-raġuni li Alhamed kien sejjer jitlef ħajtu kaġġun tat-trawma vjolenti li hu ġarrab fuq ir-ras.' Referenza issir ukoll għall-eżami medikolegali magħmul mill-istess Mario Scerri li sar nhar l-4 ta' Ġunju 2015 fejn eżamina lill-vittma u ġie konkluż illi l-vittma kien għadu jilmenta minn uġigħ ta' ras ta' kuljum li ta' spiss din l-uġigħ ta' ras tqajjmu bil-lejl. L-espert fir-rapport tiegħu indika illi c-cikatrici kirurgika tidher minn taht ix-xagħar u illi għad hemm nefħa fuq l-aspett frontali tan-naha tax-xellug fuq l-għadma kaġun tal-frattura li ġarrab waqt l-inċident (kopja tal-inkartament quddiem il-Qorti Istruttorja jista' jiġi preżentat fil-mori ta' din il-kawża);*

*Illi r-rikorrenti qiegħdin isostnu illi l-Avukat Ġenerali iddeċieda illi jbiddel l-akkuża għal waħda aktar gravi f'nofs kumpilazzjoni. L-artikolu 435 (2) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) ma jindika l-ebda perjodu li l-Avukat Ġenerali għandu sabiex tiġi miżjuda akkuża oħra. Ir-rekwiżit sabiex tiżdied akkuża oħra ai termini tal-artikolu 435(2) jikkonsisti fi 'provi ġodda' liema rekwizit ġie ben sodisfatt. Il-funzjoni ewlenija u speċifika ta' Qorti*

*Istruttorja hija l-ġbir u l-konservazzjoni ta' provi u t-tikxif tal-verita. Għaldaqstant, ġialadarba nġabu provi ġodda u minn dawn il-provi rriżulta illi l-akkuża idoneja hi dik ta' tentattiv ta' omiċidju volontraju, l-esponent Avukat Ġenerali ħaddem u għamel użu ben tajjeb minn dan l-artikolu tal-liġi;*

*Illi l-esponenti għalhekk jirrilevaw illi m'hemm ebda tħaddim skorrett tal-artikolu 435 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u li semmai huma r-rikorrenti illi ma fehmux kif għandu jitħaddem tali artikolu. Fuq dan il-punt l-esponenti jagħmlu referenza għas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Dustin Bugeja" deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Lulju 2020 (Appell numru 152 tal-2014);*

7. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċċepixxu illi d-dritt għal smiegħ xieraq joffri garanziji proċedurali u mhux ta' dritt sustantiv kif qiegħdin jittentaw jargumentaw r-rikorrenti jew xi garanzija dwar imposizzjoni ta' piena jew kif jiġu preżentati akkużi in konfront tiegħu. Illi l-proċess in konfront tar-rikorrenti li qiegħed jiġi attakkat ma jinstabx imtappan mill-ebda vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. F'dan ir-rigward l-esponenti jissottomettu li (a) il-proċeduri kollha qiegħdin jinżammu u ser jiġu determinati minn Qorti indipendenti u imparzjali; (b) ir-rikorrenti għandu aċċess miftuħ għall-qorti; (c) is-smigħ kollu jiġi kondott fil-presenza tiegħu; (d) il-partijiet jingħataw opportunitajiet ugwali sabiex itellgħu x-xhieda jeżaminaw u jikkontro-eżaminaw tali xhieda bi tħaris tal-prinċipju tal-ugwaljanza tal-armi; (e) ir-rikorrenti jingħataw l-opportunita' kollha li jiddefendu l-każ tagħhom mingħajr ebda xkiel; (f) ir-rikorrenti jinstabu megħjuna minn avukat ta' fiduċja tul il-proċeduri; u (g) r-rikorrenti jingħataw iż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tagħhom;*

   *Ġialadarba t-tħaddim tal-artikolu 435 tal-Kap. 9 jirrispetta l-garanziji li jaħseb għalih id-dritt għal smigh xieraq, ma jistax jirriżulta illi hemm lezjoni tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;*

8. *Illi l-esponenti jeċċepixxu illi l-allegazzjoni ta' ksur tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea li saret fir-rikors promotur hija bla ebda bażi stante illi r-reat ta' attentat ta' omiċidju kien jeżisti fil-liġi nazzjonali kemm qabel iż-żieda ta' tali reat bħala akkuża u anki wara. B'hekk tali talba għal ksur ta' dan l-artikolu hija prettament frivola u vessatorja u għandha tiġi ddikjarata bħala tali;*

   *L-esponenti jissottomettu li l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdu bħala regola ġenerali illi (a) huwa projbit li persuna tiġi akkużata b'reat meta fil-mument meta hija ikkommettiet l-att, dak l-att ma kienx jammonta għal reat, u ċioe' in-non reoattivita' ta' liġi kriminali; (b) persuna tista' titressaq biss għal reat illi kien jammonta għal tali meta ġie kommess l-att; (c) isegwi illi sabiex persuna tkun taf jekk azzjoni hijiex wahda kriminali jew le, jenħtieġ li l-liġi li tikkostitwixxi dak ir-reat tkun aċċessibbli u ċara, u ċioe' iċ-ċertezza legali. Illi ma hemm l-ebda dubju li r-reat li bih ġew akkużati r-rikorrenti kien jikkostitwixxi reat meta ġie kommess u għalhekk dina l-lanjanza ma treġix;*

9. *Illi l-esponenti jeċċepixxu illi l-prosekuzzjoni u l-akkużat f'proċeduri ġudizzjarji quddiem il-Qrati kriminali għandhom dmirijiet, obbligi u jeddijiet li ċertament m'humiex identiċi għal xulxin u dan għaliex il-posizzjoni taż-żewġ kontradittorji f'dawn il-proċeduri m'għandhomx l-istess funzjoni. Dan ma jfissirx illi l-parita' tal-armi tal-partijiet qiegħda tiġi mittiefsa. Il-funzjoni tal-prosekuzzjoni hija illi tipprosekwixxi r-reati bl-intiża ċara illi ssir ġustizzja mal-vittma u mas-soċjeta' in ġenerali. Illi fl-istess waqt, il-proċess kriminali ġudizzjarju jiggarantixxi lill-akkużat id-drittijiet kollha spettanti lilu fil-liġi;*

10. *Illi l-esponenti jeċċepixxu illi fir-rigward tal-allegazzjoni ta' dewmien tal-proċeduri kriminali, huwa paċifiku kif konstatat anke mill-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li prinċipalment għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smiegħ ta' proċess eċċediex il-parametri tas-smiegħ fi żmien raġjonevoli huma l-komplessita' tal-każ, l-aġir tal-partijiet fil-kawża u l-aġir tal-awtorita' jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-każ l-aġir ta' awtorita' ġudizzjarja. Ghalhekk, skont il-ġurisprudenza assodata kemm nostrana kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal għal konklużjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli, il-proċedura ġudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun eżaminata fl-assjem tagħha u ma jistax ikun eżaminat biss element jew parti waħda minn din il-proċedura;*

*Illi hu aċċettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proċeduri quddiemha għax altrimenti l-interessi tal-ġustizzja jiġu preġudikati minħabba għaġġla żejda u inkonsulta;*

*Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkunsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jiġi pruvat illi mhux biss il-każ dam pendenti iżda li tali dewmien huwa wieħed kapriċċuż u ntiż biex jiżvantaġġahom fit-tgawdija tad-drittijiet tagħhom skont il-Liġi;*

*Illi finalment sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġjonevoli, kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu tiegħu u fil-kumplessivita' tiegħu u fil-każ odjern l-esponenti jeċċepixxu li mill-assjem tal-proċeduri in deżamina għalkemm il-każ qed jieħu numru ta' snin ma kienx hemm dewmien irraġjonevoli;*

*Il-fatt fih innifsu li l-kumpilazzjoni bdiet seba' snin ilu ma jfissirx b'daqshekk li hemm dewmien inġustifikat. Tabilħaqq hija ġurisprudenza kostanti u stabbilita li l-irraġonevolezza taż-żmien m'għandhux jiġi determinat fl-astratt jew min-numru ta' snin li tkun damet għaddejja proċedura ġudizzjarja, imma dan għandu jitqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ li jkun;*

*Illi proprju fil-kumpilazzjoni odjerna, anke jekk jista' jinħass li kien hemm xi dewmien madanakollu tali dewmien ma jistax jitqies li huwa wieħed kapriċċjuż jew irraġonevoli. Illi jekk wieħed jifli l-proċess tal-kawża tal-kumpilazzjoni jirriżulta li dina l-Onorabbli Qorti qiegħda tieħu ħsieb li tmexxi l-kawża b'diliġenza u bi speditezza. Illi jekk wieħed jikkunsidra n-numru ta' seduti li nżammu minn dina l-Onorabbli Qorti, in-numru ta' xhieda*

*li ttellgħu, il-kumplessita' tal-kawża anke naxxenti mill-fatt li diversi esperti ġew maħtura u kellhom jespletaw u jagħtu l-opinjoni tagħhom ċertament li ma jistax jingħad li hemm xi dewmien kappriċċuż jew dewmien irraġonevoli fis-smigħ tal-kumpilazzjoni. Illi s-seduti qegħdin jinżammu b'mod regolari (u meta seduta ma saritx dan kien bi qbil mad-difiża) u mhuwiex il-każ li hemm xi telf ta' żmien;*

*Illi għal dak li jirrigwarda l-aspett tar-raġonevolezza fit-tmexxija 'l quddiem tal-kawżi, il-Qorti Ewropeja dejjem irriteniet illi "reasonableness ... must be assessed in each case according to the particular circumstances ... The Court has, for this purpose, had regard, inter alia, to the complexity of the case, and o the conduct of both the applicant and the competent authorities ..." (ara Buchholz v. Germany – applikazzjoni numru 7759/77 deċiża fis-6 ta' Mejju 1981);*

*Kemm hu hekk, fil-kawża Ciricosta u Viola v. Italy maqtugħa mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Diċembru 1995, kien ġie deċiż li kawża ċivili li saħansitra kienet għadha ma ġietx maqtugħa minħabba sensiela twila ta' differimenti u li kienet ilha pendenti għal aktar minn ħmistax–il sena ma kinitx bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

*Illi ċertament li sabiex Qorti tkun tista tikkunsidra b'mod serju allegazzjoni ta' dewmien irraġonevoli, jinkombi fuq minn jallega tali dewmien li jipprova illi mhux biss il-każ tiegħu qed idum pendenti iżda li tali dewmien huwa intiż sabiex jiżvantaġġjah fit-tgawdija tad-drittijiet tiegħu skont il-Liġi;*

*Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-imputati tressqu bl-arrest quddiem il-Qorti tal-Maġisrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja nhar it-28 ta' Mejju 2014 fejn inter alia ġew akkużati li mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew jqiegħdu l-ħajja ta' Faisal Alhamed f'periklu ċar, ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess Faisal Alhamed jew ġabulu disordni f'moħħu, liem offiża ġiet magħmula b'arma regolari. Illi fil-kors tal-ġbir ta' provi rriżultaw provi ġodda, u li bħala konsegwenza ta' dan żdiedet l-akkuża ta' tentattiv ta' omiċidju volontraju fir-rigward taż-żewġ imputati;*

*Illi tenut kont tan-natura serja tar-reati u meta wieħed iqis n-numru ta' xhieda li kienu mitluba sabiex jagħtu d-deposizzjoni tagħhom quddiem din l-Onorabbli Qorti, fosthom esperti, il-perjodu illi ilha għaddejja din il-kumpilazzjoni mhuwiex perjodu daqshekk twil u komplessivament ma jirriżultax li kien hemm xi nuqqasijiet lampanti min-naħa tal-partijiet fil-kawża u lanqas jirriżulta li kien hemm xi nuqqasijiet lampanti tal-Qrati fir-rigward ta' dewmien. Di piu', l-esponenti jagħmlu referenza għan-numru ta' seduti li ġew differiti matul iż-żmien li ilu li beda l-każ odjern fuq qbil tal-partijiet;*

*Illi t-trapass taż-żmien waħdu, twil kemm hu twil, ma jimplikax neċessarjament dewmien irraġjonevoli awtomatikament. Dan huwa dipendenti fuq in-natura u l-komplessita' tal-każ in kwistjoni, kumplessita' li tirriżulta fil-każ odjern;*

*In oltre, l-Prosekuzzjoni wkoll għandha d-dritt għal smigħ xieraq. Ergo, l-Prosekuzzjoni għandha d-dmir u kull dritt li tara li illi l-ġbir ta' provi jkun*

*sħiħ sabiex imbagħad l-Avukat Ġenerali bħala l-prosekutur ewlieni fil-Qorti Kriminali jippreżenta l-att ta' akkuża għall-ġudizzju tal-ġurija u tal-Qorti;*

11. *Illi għalhekk m`hemm l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;*

12. *Illi l-esponenti jirrilevaw illi ġialadarba r-rikorrenti mhux qiegħdin jiġu assoġettati għal ebda vjolazzjoni, l-esponenti jeċċepixxu illi m'hemm ebda lok għal ebda danni pekunarji u non-pekunarji u għall-imgħaxijiet legali;*

13. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

Rat il-verbal ta' l-udjenza miżmuma fit-30 ta' Settembru 2022 meta l-Qorti ordnat li jissejjaħ fil-kawża l-Avukat ta'l-Istat[2].

Rat li waqt dik l-istess udjenza l-konvenuti irtiraw l-ewwel eċċezzjoni tagħhom.

Rat **ir-risposta tal-kjamat in kawża l-Avukat ta'l-Istat** ippreżentata fit-30 ta' Settembru 2022[3] peremzz ta'liema eċċepixxa:

1. *Illi huwa jaqbel mal-eċċezzjonijiet numru tnejn (2) sa erbatax (14) eċċepiti fir-risposta tal-Avukat Generali u tal-Kummisarju tal-Pulizija tat-18 ta' Awwissu 2022 u qiegħed formalment jagħmilhom tiegħu ukoll;*

2. *Illi fi kwalsiasi każ l-esponent jeċċepixxi illi t-talbiet mfissra fir-rikors promotur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u m'għandhomx jintlaqgħu minn dina l-Onorabbli Qorti;*

3. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

4. *Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

Rat id-digriet mogħti fit-13 ta' Jannar 2023 mis-Sinjorija Tiegħu il-Prim Imħallef permezz ta' liema din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta[4].

Semgħet il-provi.

Rat l-atti proċesswali inkluz in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat.

---

[2] Fol 17.
[3] Fol 19A
[4] A fol 33.

Illi fit-28 ta' Mejju 2014 l-atturi kienu ġew akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja b'diversi akkużi l-aktar ġravi fosthom dik ta' offiża ġravissima fuq il-persuna ta' Faisal Alhamed. Fil-kors ta' dawk il-proċeduri[5] meta l-atti kienu għadhom qed jiġu rinvjati mingħand l-Avukat Ġenerali lill-Qorti tal-Maġistrati, fuq talba tal-Avukat Generali u tal-Prosekuzzjoni żdiedet l-akkuża ta' attentat ta' omiċidju u dan fil-konfront taż-żewġ atturi.[6]
L-att ta' akkuża fil-konfront ta'l-atturi inħareġ fis-17 t'April 2023.[7] Il-proċeduri penali fil-konfront ta'l-atturi għadhom pendenti quddiem il-Qorti Kriminali.

Illi permezz tal-proċeduri odjerni l-atturi qed jallegaw li:

- L-artikolu 435 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali tagħhom sanċiti permezz tal-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem[8] u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta[9]; u li
- Ma ingħatawx smiegħ xierqa fi żmien raġonevoli u dan bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

## IL-PROVI

Ikkunsidrat

Illi fil-kors tal-proċeduri odjerni tressqu l-provi segwenti:

- Xehedet **l-Assistent Reġistratur Stephania Calafato Testa** waqt l-udjenza miżmuma fit-18 ta' Novembru 2022[10] fejn preżentat kopja tal-atti tal-Kumpilazzjoni bin-numru 516/2014 f'l-ismijiet *Il-Pulizija vs Kasem Kasem u Chawakh Kasem*[11].
- Xehed **Chawakh Kasem** permezz ta' affidavit[12] ippreżentat fit-18 ta' Novembru 2022 fejn xehed li huwa flimkien ma Kasem Kasem kienu ġew akkużati fil-Qorti b'diversi akkużi fosthom li weġġħu b'mod serju lil Faisal Alhamed u jgħid li kważi sentejn wara l-Avukati

[5] F'din is-sentenza imejħa "il-proċeduri penali"
[6] Fol 673 et seq
[7] Fol 1544
[8] F'din is-sentenza, xi drabi imsejħa "il-Konvenzjoni".
[9] F'din is-sentenza, xi drabi imsejħa"il-Kostituzzjoni".
[10] Fol 23
[11] fol 25 et seq.
[12] Fol 1484

Kathleen Grima u Manuel Mallia talbu fil-Qorti biex l-akkuża ssir dik t'attendtat ta' qtil. Jgħid li din it-talba effettivament saret mill-Avukat Generali fit-30 ta' Mejju 2016 u li giet preżentata ċitazzjoni mill-ġdid fis-16 ta' Jannar 2017. Hu jgħid li ma kienx hemm xejn ġdid li kellu jwassal għal dan it-tibdil fl-akkuża u li meta ressqu ilment fil-Qorti tal-Maġistrati, l-Qorti qaltilhom li t-talba tagħhom kienet waħda frivola. **Chawakh Kasem** xehed ukoll in kontro eżami fit-18 ta' Settembru 2023[13] fejn fuq mistoqijiet tal-avukat tal-konvenuti, xehed li wara li seħħet il-ġlieda huwa, u Kasem Kasem, kienu l-ħabs u semgħu mingħand in-nies li Alhamed Faisal kien fil-periklu tal-mewt. Hu jgħid li meta ġġieldu ma riedux li joqtluh, imma ġara li ġara. Hu jgħid li dakinhar tal-ġlieda kienu l-atturi stess li wasslu lil Faisal l-isptar. Jisaqsi ukoll għaliex l-akkuża tal-attentat ta' qtil ġiet inkluża tlett snin wara. Jgħid ukoll li hu kien qed jiddefendi lilu nnifsu.

- Xehed **Kasem Kasem** permezz ta' affidavit[14] ippreżentat fit-18 ta' Novembru 2022 fejn ikkonferma dak kollu li qal Chawak Kasem. Kasem Kasem xehed in kontro eżami nhar it-13 ta' Novembru 2023[15] fejn jgħid li huwa tressaq bi ġlieda normali mhux b'attentat ta' qtil. Jgħid li hu kien li wassal lill-vittma l-isptar u li l-kundizzjoni tal-vittma fi ħmistax-il jum kienet tajba. Jgħid ukoll li wara tlett snin li l-akkuża saret t'attentat ta' qtil.
- Xehed l-ispettur **Saviour Baldacchino** fis-seduta tat-23 ta' Marzu 2022[16] fejn ikkonferma li hu kien l-ispettur investigattiv ta' dan il-każ flimkien mal-ispettur Daryl Borg. Huwa spjega li l-aktar parti importanti mill-investigazzjoni kienet filmat fejn inqabad l-argument bl-idejn bejn l-atturi u Faisal Alhamed fejn Faisal kien aggredit bi bsaten u spiċċa fl-art. Baldacchino jgħid li minn dan il-filmat jidher li Faisal tħalla għal xi ħin fl-art pero wara l-atturi marru jassistuh u wassluh l-isptar. Huwa jgħid li l-mod kif jaħdmu huma li l-piu comprendere il meno, u peress li l-ġrieħi ta' Faysal kienu tali li kien fil-periklu tal-mewt, ir-raġunament tiegħu kien li dawn jitressqu b' attentat ta' qtil, pero s-superjuri tiegħi tawh direzzjoni sabiex iressaq bl-akkuża ta' ġrieħi gravi. Baldacchino jixhed li meta l-avukat ġenerali kien talab biex l-akkuża tiġi elevata għal waħda t'attentat ta' qtil, huwa kien oppona sabiex iżomm ferm mal-akkużi kif ħarġu, pero l-Avukat Generali ra li l-grieħi li kien hemm setgħu faċilment wasslu għal telf ta' ħajja u l-aħħar kelma hija tal-Avukat Ġenerali. Baldacchono jgħid li huwa kien jaf x'ser joħroġ mill-provi peress li

[13] Fol 1574
[14] Fol 1486
[15] Fol 1583.1
[16] Fol 1505

kien investiga l-każ, pero l-Avukat Ġenerali ma kienx edott mill-fatti kollha.

- Permezz ta' nota tar-**Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali** ġew preżentati l-kumplament tal-Proċess tal-Kumpilazzjoni kif ukoll l-Atti tal-Qorti Kriminali inkluż l-Att tal-Akkuża kontra l-atturi[17]

Illi mill-atti kumpilazzjoni li kopja tagħhom ġiet preżentata fl-atti tal-kawża odjerna jemerġi s-segwenti:

Illi l-akkużi miġjuba kontra l-atturi oriġinarjament meta dawn ġew preżentati b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Malta bħala Qorti Istruttorja, kienu talli:

*"nhar is-26 ta Mejju 2014 għall-ħabta tat-tmienja ta filgħaxija ġewwa Vjal ir-Rihan, San Gwann:*

*1) Mingħajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja ta' Faisal Alhamed f'periklu ċar, ikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa tal-istess Faisal Alhamed jew ġabhulu disordni f'moħħu skond kif iccertifika Dr. Adrian Mifsud M.D. (Reg. No. 5449); u liema offiża ġiet magħmula b'arma regolari u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 217, 218 (1)a, (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2) Volontarjament, kisru l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u/jew ġlied u dan bi ksur tal-artikolu 338 (m) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'kas ta' sejbien ta' ħtija tikkunsidra lil Chawakh Kasem bahal recidiv permezz ta' sentenzi tal-Qrati ta' Malta liema sentenzi ma jistgħux jiġi mnaqqsa jew mibdula.*

*Mitluba tinnota wkoll li Chawakh Kasem permezz tal-preżenti reati addebitati lilu, f'każ ta' ħtija, l-istess imputat ikun wettaq reat ta' natura serja waqt perijodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiza mgħotija lilu mill-Magistrat Dr. Carol Peralta LL.D. nhar is-27 ta' Frar 2013 liema sentenza hija definitiva u ma tistax tigi mnaqqsa jew mibdula.*

[17] Fol 1517

> *Il-Qorti qeda tigi wkoll mitluba tinnota li Kasem Kasem permezz tal-prezenti reati addebitati lilu, f'kaz ta' htija, l-istess imputat ikun kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kien impost fuqu b'sentenza definittiva u li ma tistax tinbidel, mogħtija fil-konfront tieghu mill-Magistrat (illum Imhallef) Dr. Antonio Mizzi LL.D. nhar it-30 ta' Settembru 2011.*
>
> *Mitluba wkoll tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*
>
> *Il-Qorti hija gentilment mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta ta' Faisal Alhamed jew biex tinzamm l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta protezzjoni tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta vjolenza.*

Illi fil-qosor dan huwa l-iter li segwew il-proċeduri penali:

- Fit-28 ta' Mejju 2014 l-atturi tressqu taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati; dak in-nhar inqraw l-akkużi oriġinarjament miġjuba kontra l-atturi, sar l-eżami tal-atturi li wieġbu mhux ħatja ta' dawk l-akkużi. Aktar minn hekk l-atturi talbu l-ħelsien mill-arrest liema talba ġiet miċħuda. L-atti mbagħad intbaghtu lir-Registratur biex jiġu assenjati skond il-Liġi.

- L-atti ġew assenjati u l-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għad-9 ta' Ġunju 2014.

- Fid- 9 ta' Ġunju 2014 xehedu l-Ispettur Daryl Borg, PS69 Jesmond Caruana u Dahham Al Hamid.

- F'l-10 ta' Ġunju 2014 l-atturi ingħataw il-ħelsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet. L-Avukat Ġenerali appella mid-degrieti relattivi u permezz ta' degriet mgħoti fit-13 ta' Ġunju 2014 il-Qorti Kriminali rrevokat l-għoti tal-ħelsin mill-arrest.

- Fis-16 ta' Ġunju 2014 kompliet il-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati; instema xhud, il-parte civile Faisal Al Hamed, u ingħata degriet *prima facie* ċioe l-Qorti iddeċidiet li kien hemm raġunijiet biżżejjed biex l-atturi jitqegħdu taħt att ta' akkuża u l-atti intbagħatu għand l-Avukat Ġenerali. F'din is-seduta l-prosekuzzjoni ddikjarat li

m'għandiex oġġezzjoni li l-imputati, hawn atturi, jingħataw il-ħelsien mill-arrest. Il-kawża ġiet differita għat-28 ta' Lulju 2014.

- Fis-17 ta' Ġunju 2014 l-atturi reġgħu ingħataw il-ħelsien mill-arrest; dan b'degriet tal-Qorti tal-Maġistrati.

Illi minn hawn bdiet sensiela ta' rinviji ta'l-atti ai termini ta'l-artikolu 405 tal-Kodiċi Kriminali:

**Rinviju tal-21 ta' Lulju 2014**: fih intalab li jsiru xi emendi fic-citazzjoni billi ssir korrezzjoni f'l-ewwel imputazzjoni u tiżdied imputazzjoni oħra fil-konfront ta' Chawak Kasem u cioe dik ta' ħsara volontarja; intalbu ukoll li jinġiebu diversi provi. L-udjenza skedata għat-28 ta' Lulju 2014 ġiet differita "bi qbil bejn il-partijiet". L-atti ġew rinvjati u l-kawża ġiet differita għall-4 ta' Settembru 2014.

**Rinviju tal-25 t' Awwissu 2014**: fih saru l-istess talbiet tar-rinviju preċedenti. F'l-udjenza miżmuma fl-4 ta' Settembru 2014 instemgħu Stephen Cachia (Transport Malta) u David Farrugia u ġie preżentata il-proces verbal dwar l-incident de quo. L-atti ġew rinvjati u l-kawża ġiet differita għat-13 ta' Ottubru 2014.

**Rinviju tas-7 t' Ottubru 2014**: reġgħet saret it-talba għall-emendi fiċ-ċitazzjoni u ntalbu diversi provi. F'l-udjenza miżmuma fit-13 ta' Ottuberu 2014 intemgħu Dr Mario Scerri, Dr Martin Bajada u PC908 George Grixti. L-atti ġew rinvjati u l-kawża ġiet differita għall-24 ta' Novemrbu 2014.

**Rinviju tal-5 ta' Novembru 2014**: reġgħet saret it-talba għall-emendi fiċ-ċitazzjoni u ntalbu diversi provi. Fl-udjenza miżmuma fl-24 ta' Novembru 2014 ġew korretti l-akkużi u d-difiża tat ruħha b'notifikata u eżentat lill-Qorti milli terġa tisma x-xhieda diġa prodotti. L-uffiċjal prosekutur reġa qara l-akkużi bil-ġurament u reġa sar l-eżami tal-imputati li wieġbu mhux ħatja. L-akkużi miġjuba kontra l-atturi kienu talli:

> *nhar is-26 ta' Mejju 2014 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija u fil hin ta' wara, gewwa Vjal ir- Rihan, San Gwann;*
>
> *1. Minghajr il- hsieb Il toqtlu jew li tqieghdu l-hajja ta Faisal Alhamed fperiklu car, ikkagunajtu feriti ta' natura gravi u cioe' hsara fil- gisem jew fis- sahha ta l-istess Faisal Alhamad jew gibtulu disordni f mohhu skond kif iccertifika Dr. Adrian Mifsud MD reg: 5449; u liema offiza giet maghmula b'arma regulari; bi ksur tal-Art 214, 217, 218 (1)a, (2) tal- kodici kriminali*

*2. Volontarjament, kisru il-bon-ordni jew Il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u/jew glied;*

*lil Chawack Kasem wahdu:*

*3. talli fl-istess lok hin u cirkustanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor u cioe telefon cellulari tal- ghamla. I Phone 3 li jappartjeni lil Faisal Alhamed bi ksur tal art 325 (b) tal- Kodici Kriminali*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f kas ta sejbien ta' htija tikkunsidra lil Kasem Kasem kif ukoll lil Shawkh Kasem bhala recidivisti permezz ta' sentenzi tal- Qrati ta' Malta liema sentenzi ma jistghux jigu mnaqqsa jew mibdula.*

*Mitluba tinnota wkoll li Shawack Kasem permezz tal-prezenti reati addebitati lilu, fkaz ta' htija, l-istess imputat ikun wettaq reat ta' natura serja waqt perjodu operattiv ta sentenza ta' Prigunerija sospiza mghotija lilu min Magt. Dr. C. Peralta LLD nhar 27 ta Frar 2013 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mnaqqsa jew mibdula.*

*II- Qorti qeda tigi wkoll mitluba tinnota li Kasem Kasem permezz tal-prezenti reati addebitati lilu, fkaz ta' htija, l-istess imputat ikun kiser il-provvedimenti ta' l-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kien impost fuqu b'sentenza definittiva u li ma tistax tinbidel, moghtija fil-konfront tieghu mill-magistrat (illum imhallef) Dr. Antonio Mizzi LL.D. nhar it- 30 ta Settembru 2011*

*Mitluba wkoll tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

Xehdu Dr Marisa Cassar, PS 404 Paul Camilleri, PC 1331 Darren Debattista u l-Ispettur Saviour Baldacchino. Ingħata mill-ġdid digriet prima facie, l-atti ġew rinvjati u l-kawża ġiet differita għall-5 ta' Jannar 2015.

**Rinviju tat-23 ta' Diċembru 2014**: Intalbu diversi provi parikolarment li jiġu prodotti numru ta' xhieda u li jsir eżmi komparattiv mill-profili ġenetiċi tal-vittma u l-imputati. Fl-udjenza miżmuma fil-5 ta' Jannar 2015 xehed Dr Mario Scerri, Dr Adrian Mifsud u l-Ispettur Saviour Baldacchino li esebixxa mobile phone u sim card. Il-Qorti ħatret lil Dr Mario Scerri sabiex seduta

stante jeħu buccal swab tal-imputati u tal-parte ċivile għal-finijiet ta' komparazzjoni u ħatret lil Dr Steven Farrugia Sacco sabiex joħroġ call u sms profile mill-mobile phone u s-sim card preżentati fl-istess seduta. L-atti ġew rinvjati u l-kawża ġiet differita għas-16 ta' Frar 2015.

**Rinviju tat-12 ta' Jannar 2015**: Intalbet l-estensjoni tal-inkarigu tal-espert forensiku sabiex il-konsegwenzi tal-agressjoni jkunu verifikati u analizzati u sabiex jiġu prodotti numru ta' xhieda. Fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2015, peress li l-ispettur ma kellux ċans illi jħarrek xhieda l-kawża ma setgħetx issir u l-Qorti irrinvjat l-atti lura u l-kawża ġiet differita għas-16 ta' Marzu 2015.

**Rinviju tat-3 ta' Marzu 2015:** Saru l-istess talbiet tar-rinviju preċedenti. Fl-udjenza tas-16 ta' Marzu 2015 il-kawża ġiet differita għas-27 t'April 2015 fuq talba tal-avukat tal-parte civile.

**Rinviju tal-14 t'April 2015:** Saru l-istess talbiet taż-żewġ rinviji preċedenti. Fl-udjenza tas-27 ta' Ġunju 2015 xehdu Dr Martin Bajada, PS 659 Jeffrey Hughes u Christine Galea. Il-Qorti estendiet l-inkarigu tal-espert forensiku kif mitlub fit-tlett rinviji preċedenti. Il-kawża ġiet differita għat-8 ta' Ġunju 2015.

**Rinviju tat-28 ta' Mejju 2015**: Il-Qorti intalbet tisma diversi xhieda oħra. Fl-udjenza tat-8 ta' Ġunju xehedu Dr Steven Farrugia Sacco li preżenta rapport u tqabbad traduttur biex jittraduċi partijiet minnu, xehed ukoll Christine Galea u l-kawża ġiet differita għall-20 ta' Lulju 2015.

**Rinviju tat-13 ta' Lulju 2015**: Il-Qorti intalbet tisma diversi xhieda oħra u sabiex jitqabbas espert sabiex jivvaluta l-mobile phone esebit. Is-seduta tal-20 ta' Lulju 2015 bi qbil bejn il-partijiet ġiet differita għall-31 t'Awwissu 2015.

**Rinviju tas-17 t' Awwissu 2015:** Saru l-istess talbiet tar-rinviju preċedenti. Is-seduta tal-31 t' Awwissu 2015 bi qbil bejn il-partijiet ġiet differita għat-12 t'Ottubru 2015.

**Rinviju tad-29 ta' Settembru 2015:** Saru l-istess talbiet tar-rinviju preċedenti. Fl-udjenza tat-12 t'Ottubru 2015 xehed Dr Mario Scerri u ppreżenta rapport u stante li l-esperti l-oħra nominati ma kienux laħqu espletaw l-inkarigu tagħhom ma kienx hemm xhieda oħra u l-kawża ġiet differita għat-23 ta' Novembru 2015.

**Rinviju tal-10 ta' Novembru 2015**: Il-Qorti intalbet tisma diversi xhieda oħra u sabiex jitqabbad espert sabiex jivvaluta l-mobile phone esebit. Is-

seduta tat-23 ta' Novembru ġiet differita fuq talba tal-kummisarju tal-Pulizija għas-7 ta' Diċembru 2015. Fl-udjenza ta' Diċembru 2015 xehed Dr Martin Bajada. Il-Qorti ħatret ukoll lill-istess Dr Bajada sabiex jiffotografa l-mobile phone preżentat u jivvalutah. Il-kawża ġiet differita għat-18 ta' Jannar 2016.

**Rinviju tal-4 ta' Jannar 2016:** Il-Qorti intalbet tisma diversi xhieda oħra. Fl-udjenza tat-18 ta' Jannar 2016 xehdet Nadia Lanzon li ppreżentat traduzzjoni mill-Għarbi ta' partijiet mir-rapport ta' Dr Steven Farrugia Sacco. Il-kawża ġiet differita għad-29 ta' Frar 2016.

**Rinviju tat-18 ta' Frar 2016**: Il-Qorti intalbet tisma diversi xhieda oħra. Fl-udjenza tad-29 ta' Frar 2016 xehed Dr Steven Farrugia Sacco u l-kawża ġiet differita għall-11 t'April 2016.

**Rinviju tal-4 t'April 2016:** Il-Qorti intalbet tisma diversi xhieda oħra. Fl-udjenza tal-11 t' April 2016 ma tressqu ebda xhieda. Dr Manuel Mallia u Dr Kathleen Grima għall-parte civile issolleċitaw lill-prosekuzzjoni sabiex tanalizza l-akkuża u dan hekk kif skonthom l-akkuża idonea kienet dik ta' tentattiv ta' omiċidju. Huma kellhom ukoll jgħaddu lill-prosekuzzjoni ismijiet ta' tobba oħra li invistaw lill-parte civile sabiex jitħarrku bħala xhieda. Il-Kawża ġiet differita għat-23 ta' Mejju 2016, madanakollu dakinhar ma sarx smigħ peress li l-atti tal-kawża kienu għadhom rinvijati għand l-Avukat Generali.

**Rinviju tat-30 ta' Mejju 2016**: Il-Qorti intalbet tisma diversi xhieda oħra, u sabiex l-uffiċjali prosekuturi iżidu l-akkuża ta' tentattiv ta' omiċidju. Intalab ukoll sabiex in vista ta' sentenza riċenti, id-difiża tintalab tiddikjara jekk għandiex oġġezzjoni għall-inkarigu ta' Dr Martin Bajada u f'każ ta' oġġezzjoni li jinħatar espert sabiex jespleta l-inkarigu mill-ġdid. L-Udjenza tat-13 ta' Ġunju 2016 ma setgħetx issir peress li l-imputati ma kinux notifikati b'dik id-data u l-kawża ġiet differita għall-25 ta' Lulju 2016.

**Rinviju tat-18 ta' Lulju 2016**: Ir-Rinviju huwa wieħed identiku għal dak preċedenti. Fl-udjenza tal-25 ta' Lulju 2016 is-seduta ma saritx bi qbil bejn il-partijiet u l-kawża ġiet differita għall-5 ta' settembru 2016.

**Rinviju tas-17 t'Awwissu 2016:** Ir-rinviju huwa wieħed identiku għal dak preċedenti. Fl-idjenza tal-5 ta' Settembru 2016 ma ġew prodotti ebda xhieda u d-difiża vverbalizat li m'għandha ebda oġġezjoni għall-inkarigu tal-espert Dr Martin Bajada. Il-kawża ġiet differita għas-17 t'Ottubru 2016.

**Rinviju tal-10 t'Ottubru 2016:** Ir-rinviju huwa wieħed identiku għal dak preċedenti. Fl-udjenza tas-17 t'Ottubru 2016 il-prosekuzzjoni talbet differiment peress li l-uffiċjal prosekutur kien imsiefer. Il-kawża ġiet differita għat-28 ta' Novembru 2016.

**Rinviju tas-17 ta' Novembru 2016:** Ir-rinviju huwa wieħed identiku għal dak preċedenti. Fl-udjenza tat-18 ta' Novembru 2016 ma ġew prodotti ebda xhieda u minħabba li wieħed mill-atturi ma kienx preżenti, l-akkużi ma setgħux jiġu korretti kif mitlub fl-aħħar 4 rinviji u għalhekk il-kawża ġiet differita għad-9 ta' Jannar 2017.

**Rinviju tat-2 ta' Jannar 2017:** Ir-rinviju huwa wieħed identiku għal dak preċedenti. L-udjenza tad-9 ta' Jannar 2017 bi qbil bejn il-partijiet ġiet differita għas-16 ta' Jannar 2017. Fl-udjenza tas-16 ta' Jannar 2017 xehed Duncan Briffa. Il-prosekuzzjoni talbet li tippreżenta ċitazzjoni ġdida u l-Qorti laqgħet it-talba. L-akkużi issa miġjuba kontra l-atturi kienu talli:

*nhar is-26 ta' Mejju 2014 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija u fil-hin ta' wara, gewwa Vjal ir- Rihan, San Gwann;*

*1. dolozament, bil-hsieb li toqtol lil Alhamed Faisal, jew li tqieghed Il-hajja tieghu fperiklu car,urejtu dan il-hsieb b'atti esterni w tajt bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi tajt diversi daqqiet ta' oggett iebes fuq ras Faisal Alhamed, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;*

*2. Ikkagunajt hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' l-istess Alhamed Faisal, jew ikkagunajtlu debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew Il ggiblu difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh; skond kif certifikat min Dr. A. Mifsud Reg: 5449 al termini ta' l-Artiklu 41(1)(a), 211(1)(2), 218(1)(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

*3. Volontarjament, ksirt il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u/jew glied;*

*lil Chawakh Kasem wahdu:*

*4. talli fl-istess lok hin u cirkustanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor u cioe telefon cellulari tal-ghamla I Phone 3 li jappartjeni lil Faisal Alhamed bi ksur tal art 325 (b) tal- Kodici Kriminali*

*5. Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f kas ta sejbien ta' htija tikkunsidra lil Kasem Kasem kif ukoll lil Chawakh Kasem bhala recidivisti permezz ta' sentenzi tal- Qrati ta' Malta liema sentenzi ma jistgħux jiġu mnaqqsa jew mibdula.*

*6. Mitluba tinnota wkoll li Chawakh Kasem permezz tal-prezenti reati addebitati lilu, fkaz ta' htija, l-istess imputat ikun wettaq reat ta' natura serja waqt perjodu operattiv ta sentenza ta' Prigunerija sospiza mghotija lilu min Magt. Dr. C. Peralta LLD nhar 27 ta Frar 2013 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mnaqqsa jew mibdula.*

*7. Il-Qorti qeda tigi wkoll mitluba tinnota li Kasem Kasem permezz tal-prezenti reati addebitati lilu, fkaz ta' htija, l-istess imputat ikun kiser il-provvedimenti ta' l-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kien impost fuqu b'sentenza definittiva u li ma tistax tinbidel, moghtija fil-konfront tieghu mill-magistrat (illum imhallef) Dr. Antonio Mizzi LL.D. nhar it- 30 ta Settembru 2011*

*8. Mitluba wkoll tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

L-Uffiċjal Prosekutur qara u kkonferma l-imputazzjonijiet bil-ġurament u sar l-eżami tal-imputati li wieġbu li mhux ħatja. Id-difiża eżentat milli jerġgħu jinstemu ix-xhieda salv għall-parte civile Faisal Alhamed u Dahham Al Hamid. Il-kawża ġiet differita għas-27 ta' Frar 2017.

**Rinviju tas-17 ta' Frar 2017:** Il-Qorti intalbet tisma diversi xhieda oħra, u sabiex in vista ta' sentenza riċenti, id-difiża tintalab tiddikjara jekk għandiex oġġezzjoni għall-inkarigu ta' Dr Martin Bajada u f'każ ta' oġġezzjoni li jinħatar espert sabiex jespleta l-inkarigu mill-ġdid. Din l-aħħar kienet ilha sorvolata sa mis-seduta tas-17 t'Awwissu 2016. Fl-Udjenza tas-27 ta' Frar 2016 il-kawża ma saritx fuq talba tal-avukat tad-difiża u ġiet differita għall-10 t'April 2017.

**Rinviju tad-29 ta' Marzu 2017:** Intalab li jixdhu xi xhieda oħra li jista jkun baqa. Fl-udjenza tal-10 t'April 2017 ġie estiż l-inkarigu ta' Dr Martin Bajada sabiex jeleva l-mobile phone preżentat u joħroġ l-informazzjoni minnu wara li d-difiża provdiet il-passcode. Xehed ukoll Dahham Al Hamid. Il-kawża ġiet differita għat-22 ta' Mejju 2017.

**Rinviju tad-29 ta' Marzu 2017:** Intalab li jixdhu Dr Martin Bajada sabiex jespleta l-inkarigu mogħti lilu u xi xhieda oħra li jista jkun baqala l-Pulizija. Fl-udjenza tat-22 ta' Mejju 2017 xehedu Dr Martin Bajada, David Farrugia u Faisal Alhames. Il-kawża ġiet differita għat-3 ta' Lulju 2017.

**Rinviju tas-26 ta' Ġunju 2017:** Intalab li jixdhu l-ufficjal prosekutur sabiex jindika xi provi fadlilha l-Pulizija u li jinstemgħu xi xhieda oħra li jista jkun baqala. Is-seduta tat-3 ta' Lulju 2017 ġiet differita għall-14 t' Awwissu 2017 peress li ma deher ħadd għall-prosekuzzjoni.

**Rinviju tas-7 t'Awwissu 2017:** Huwa identiku għal dak preċedenti. Is-seduta tal-14 t'Awwissu ġiet differita għall-25 ta' Settembru bi qbil bejn il-partijiet.

**Rinviju tat-18 ta' Settembru 2017:** Intalbu sabiex jixhdu numru ta' xhieda uħud minnhom li diġa xehedu u oħrajn ġodda, partikolarment ix-xhieda dwar l-istqarrija tar-rifjut tal-assistenza legali waqt l-istqarrija u dwar il-volontarjeta tal-istqarrija. Is-seduta tal-25 ta' settembru 2017 ma saritx peress li l-ufficjal prosekutur ma deherx u ma tħarrku ebda xhieda. Il-kawża ġiet differita għas-6 ta' Novembru 2017.

**Rinviju tat-30 t'Ottubru 2017:** Kien simili għal dak preċedenti. Fl-udjenza tas-6 ta' Novembru 2017 xehdu PS 404 Paul Camilleri, PC 1331 Darren Debattista u l-Ispettur Saviour Baldacchino. Il-kawża ġiet differita għall-11 ta' Diċembru 2017.

**Rinviju tas-6 ta' Diċembru 2017:** Intalab li jixhdu diversi xhieda. Is-seduta tal-11 ta' Diċembru 2017 ma saritx għaliex ħadd mill-imputati, parte civile jew id-difensuri tagħhom ma deher u l-kawża ġiet differita għat-22 ta' Jannar 2018.

**Rinviju tal-10 ta' Jannar 2018**: Intalab li jixhdu diversi xhieda. L-udjenza tat-22 ta' Jannar 2018 ġiet differita għall-5 ta' Marzu 2018 peress li ħadd mix-xhieda ma kienx notifikat.

**Rinviju tat-12 ta' Frar 2018:** Intalbu li jixhdu diversi xhieda. Fl-udjenza tal-5 ta' Marzu 2018 xehedu PS 790 Nathan Zerafa u PS 918 Clayton Azzopardi. Il-Qorti ssoleċitat lill-esperti Dr Mario Scerri, Dr Marisa Cassar u Dr Martin Bajada sabiex jikkonkludu l-inkarigu tagħhom. Il-kawża ġiet differita għat-18 t'April 2018.

**Rinviju tas-6 t'April 2018:** Intalbu jixhdu Dr Mario Scerri, Dr Marisa Cassar u Dr Martin Bajada, tobba li eżaminaw il-vittma u xhieda oħra li jista

baqala l-Pulizija. Fl-udjenza tas-16 t'April 2018 ma xehed ħadd u l-Qorti ġiet informata li Dr Mario Scerri u Dr Martin Bajada għadhom m'espletawx l-inkarigu. Id-difensur tal-atturi irrimarka li ż-żmien għaddej u dan bi preġudizzju għad-dritt tal-atturi għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Il-kawża ġiet differita għat-28 ta' Mejju 2018.

**Rinviju tal-21 ta' Mejju 2018:** Huwa identiku għal dak preċedenti. Fl-udjenza tat-28 ta' Mejju 2018 xehedu Dr Mario Scerri u Dr Marisa Cassar fejn preżentaw rapporti. Peress li kien jonqos ix-xhieda ta' Dr Martin Bajada l-kawża ġiet differita għat-2 ta' Lulju 2018.

**Rinviju tal-20 t'April 2018:** Intalbu jixhdu Dr Martin Bajada, tobba li eżaminaw il-vittma u xhieda oħra li jista baqala l-Pulizija. Peress li Dr Martin Bajada kien maqbud fuq inkjesta l-kawża ġiet differita għat-13 t'Awwissu 2018.

**Rinviju tal-1 t'Awwissu 2018:** Intalbu jixhdu Dr Martin Bajada u xhieda oħra li jista baqala l-Pulizija. Is-seduta tat-13 t'Awwissu 2024 bi qbil bejn il-partijiet ġiet differita għall-24 ta' Settembru 2018.

**Rinviju tat-13 ta'Settembru 2018:** Intalbu jixhdu Dr Martin Bajada u xhieda oħra li jista baqala l-Pulizija. Dr Martin Bajada informa lill-Qorti li kien maqbdud fuq xogħol Għawdex u s-seduta tal-24 ta' Settembru 2018 ġiet differita għall-5 ta' Novembru 2018.

**Rinviju tal-24 t'Ottubru 2018:** Intalbu jixhdu Dr Martin Bajada u xhieda oħra li jista baqala l-Pulizija. Dr Martin Bajada informa lill-Qorti li kien maqbdud fuq inkjesta u s-seduta tal-5 ta' Novembru 2018 ġiet differita għas-17 ta' Diċembru 2018.

**Rinviju tas-7 ta' Diċembru 2018:** Intalbu jixhdu Dr Martin Bajada, u xhieda oħra li jista baqala l-Pulizija. Fl-udjenza tas-17 ta' Diċembru 2018 xehed Dr Martin Bajada u ppreżenta rapport u l-prosekuzzjoni għalqet il-provi tagħha. Il-kawża ġiet differita għat-28 ta' Jannar 2019.

**Rinviju tal-4 ta' Frar 2019**: Intalab li jixhdu l-uffiċjal prosekutur sabiex jesebixxu kopja ta' sentenza, Alrashd Alomar Muawiah sabiex jixhed dwar min kien qed jagħmel użu mill-vettura, u Dr Marisa Cassar dwar l-inkarigu lilha mogħtu u xhieda oħra li jista jkollha l-pulizija. Is-seduta tat-18 ta' Frar 2019 ġiet differita minħabba li l-uffiċjal prosekutur kien imsiefer u l-kawża ġiet differita għall-1 t'April 2019.

**Rinviju tal-11 ta' Marzu 2019:** Kien identiku għal dak preċedenti. Is-seduta tal-1 t' April 2019 ma saritx u ġiet differita għas-6 ta' Mejju 2019 minħabba li l-avukat tal-atturi kien indispost.

**Rinviju tas-6 ta' Mejju 2019:** Kien identiku għal dak preċedenti. Is-seduta tas-6 ta' Mejju 2019 ma saritx mingħajr ma ingħatat raġuni u ġiet differita għas-17 ta' Ġunju 2019.

**Rinviju tal-10 ta' Ġunju 2019:** Kien identiku għal dak preċedenti. Is-seduta tas-17 ta' Ġunju 2019 ma saritx minħabba li ma kienx hemm xhieda mħarrka għal din il-ġurnata u ġiet differita għat-22 ta' Lulju 2019.

**Rinviju tad-9 ta' Lulju 2019:** Kien identiku għal dak preċedenti. Is-seduta tat-22 ta' Lulju 2019 ma saritx u ġiet differita għat-2 ta' Settembru 2019 minħabba li l-prosekuzzjoni ma ħarrket ebda xhud.

**Rinviju tat-23 t' Awwissu 2019:** Kien identiku għal dak preċedenti. Għall-udjenza tat-2 ta' Settembru 2019 l-prosekuzzjoni ma ħarrket ebda xhud u talbet lill-avukat ġenerali jidentifika liema huwa l-inkariku ta' Dr Marisa Cassar. Il-kawża ġiet differita għall-14 t'Ottubru 2019.

**Rinviju tal-4 t'Ottubru 2019:** Kien identiku għal dak preċedenti salv għall-ispjega dwar l-inkarigu ta' Dr Marisa Cassar fejn intalab li din tagħmel eżami komparattiv tal-profili ġenetiċi tal-imputati u l-vittma kif inkarigata fil-5 ta' Jannar 2015. Fl-udjenza tal-14 t' Ottubru 2019 xehed l-ispettur Saviour Baldacchino li ppreżenta sentenza, xehedet Dr Marisa Cassar u ġie estiż l-inkarigu tagħha sabiex tieħu buccal swab tal-imputati għal eżerċizzju genetiku komparattiv u xehed Faisal Alhamed. Il-Qorti ssolleċitat lill-Avukat Ġenerali sabiex joħroġ l-att tal-akkuża mill-aktar fis. Il-kawża ġiet differita għall-25 ta' Novembru 2019.

**Rinviju tal-15 ta' Novembru 2019:** Intalab li jixhdu l-uffiċjal prosekutur sabiex jesebixxu d-dokumenti ta' idenfikazzjoni ta' Kasem Kasem, Alrashd Alomar Muawiah sabiex jixhed dwar min kien qed jagħmel użu mill-vettura, Dr Marisa Cassar dwar l-inkarigu lilha mogħtu u xhieda oħra li jista jkollha l-pulizija. Is-seduta tal-25 ta' Novembru ma saritx u jidher li mill-verbal la l-ufficjal prosekutur u lanqas l-imputati ma deheru. L-kawża ġiet differita għas-6 ta' Jannar 2020.

**Rinviju tad-19 ta' Diċembru 2019:** kien identiku għal dak preċedenti. Għas-seduta tas-6 ta' Jannar 2020 l-imputati ma kienux notifkati iżda l-avukat tagħhom ta' kunsens għall-prosegwiment tal-kawża. Xehed Daniel Muscat in rappreżentanza tal-Kummisjoni għar-Refuġjati u l-avukat tal-

imputati iddikjara li mhux kontestat li l-vettura imsemmija fir-rinviju kien qed jagħmel użu minnha l-vittma fid-data tal-incident u li din issejjaħ lil Alrashd Alomar Muawiah. Il-partijiet qablu ukoll li l-passaport ta' Kasem Kasem, diġa preżentat in atti, kien jikkostitwixxi prova idonea ta' identifikazzjoni. Il-kawża ġiet differita għas-17 ta' Frar 2020.

**Rinviju tas-7 ta' Frar 2020:** Intalab li jixhdu Dr Marisa Cassar dwar l-inkarigu lilha mogħti u xhieda oħra li jista jkollha l-pulizija. Fl-udjenza tas-17 ta' Frar 2020 Dr Marisa Cassar informat lill-Qorti li kienet indisposta u ma setgħetx tippreżenta r-rapport tagħha. Il-partijiet qablu ukoll li peress li Dr Martin Bajada ma rnexxilux joħroġ id-data mill-*mobile phone* ta' Chawakh Kasem, peress li kien protett b'password, għandu jitqabbad espert ieħor u għal dan il-għan tqabbad Keith Cutajar. Il-kawża ġiet differita għat-30 ta' Marzu 2020.

**Rinviju tal-10 ta' Marzu 2020:** Intalab li jxihdu Dr Marisa Cassar u Keith Cutajar dwar l-inkarigu lilhom mogħti u xhieda oħra li jista jkollha l-pulizija. Minħabba l-Pandemija tal-Covid-19 is-seduta tat-30 ta' Marzu 2020 ma saritx. Saret seduta fit-23 ta' Ġunju 2020 u l-uffiċjal prosekutur naqas milli jinnotifika lill-imputati u għalhekk il-kawża ġiet differita għat-2 ta' Lulju 2020. Fit-2 ta' Lulju 2020 ma ġie prodott ebda xhud. Il-Qorti għamlet riferenza għar-rikors tal-espert Keith Cutajar li għalih qatt ma wieġbet id-difiża u tat lill-istess difiża terminu għar-risposta. Il-kawża ġiet differita għall-11 t'Awwissu 2020.

**Rinviju tat-3 t'Awwissu 2020:** Kien identiku għal dak preċedenti. Bi qbil bejn il-partijiet il-kawża ġiet differita għat-22 ta' Settembru 2020.

**Rinviju tal-14 ta' Settembru 2020:** Kien identiku għal dak preċedenti. Għas-seduta tat-22 ta' Settembru 2020 xehedet Dr Marisa Cassar u ppreżentat rapport. L-avukat tal-atturi informa lill-Qorti li l-atturi m'għadx għandhom interess fil-mobile phone u se jkun qed jitlob li dan jiġi ritornat. Il-kawża ġiet differita għat-2 ta' Novembru 2020.

**Rinviju tas-26 t'Ottubru 2020:** Intalab li jixhed Keith Cutajar biex jespleta l-inkarigu tiegħu u kull xhud ieħor li l-pulizija jidrilha li hu xieraq tressaq. Għas-seduta tat-2 ta' Novembru 2020 ma xehed ħadd. Il-prosekuzzjoni qablet li ma hemmx ħtieġa għal eżamijiet ulterjuri tal-mobile phone tal-imputat. Il-kawża ġiet differita għall-14 ta' Diċembru 2020.

**Rinviju tas-7 ta' Diċembru 2020:** intalab li jixhed ir-registratur tal-Qorti sabiex jikkonferma sentenzi preżentati in atti u xhieda oħra li l-pulizija jidrilha li xieraq tressaq. Fl-udjenza tal-14 ta' Diċembru 2020 xehedet l-

Assistent Registratur Maria Dolores Fenech. Il-kawża ġiet differita għat-22 ta' Jannar 2021.

**Rinviju tal-15 ta' Jannar 2021:** Intalab li jixhdu rappreżentanti tal-Agenzija Identity Malta, u Alrashd Alomar Muawiah sabiex jixhed dwar min kien qed jagħmel użu mill-vettura, numru ta' xhieda li diġa xhedu sabiex jiġi korrett isem il-vittma minn Faisal Ahmeda għal Faisal Alhamed, u xhieda oħra li l-pulizija jidrilha li xieraq tressaq. Għas-seduta tat-22 ta' Jannar ma nġab ebda xhud sabiex il-prosekuzzjoni tirregola ruħha fuq ir-rinviju u l-kawża ġiet differita għall-1 ta' Frar 2021. Fl-1 ta' Frar 2021 ma tħarrek ebda xhud mill-prosekuzzjoni u l-kawża ġiet differita għat-8 ta' Marzu 2021.

**Rinviju tas-26 ta' Frar 2021:** Kien identiku għal dak preċedenti. Minħabba l-imxija tal-Covid 19 is-seduta tat-8 ta' Marzu 2021 ma saritx u l-kawża ġiet differita għall-15 t' April 2021.

**Rinviju tat-12 t'April 2021:** kien identiku għal dak preċedenti. Minħabba l-imxija tal-Covid 19 is-seduta tal-15 t' April 2021ma saritx u l-kawża ġiet differita għall-25 ta' Mejju 2021.

**Rinviju tas-17 ta' Mejju 2021:** Kien identiku għal dak preċedenti. Fl-udjenza tal-25 ta' Mejju 2025 xehed biss Alrashd Alomar Muawiah. Il-kawża ġiet differita għat-8 ta' Ġunju 2021. Fl-udjenza tat-8 ta' Ġunju 2021 xehedu Dr Marisa Cassar, Dr Mario Scerri u l-ispettur Paul Camilleri. L-kawża ġiet differita għat-13 ta' Lulju 2021.

**Rinviju tat-12 ta' Lulju 2021:** Intalab li jixhed rappreżentanti tal-Agenzija Identity Malta, numru ta' xhieda li diġa xhedu sabiex jiġi korrett isem il-vittma minn Faisal Ahmeda għal Faisal Alhamed, u xhieda oħra li l-pulizija jidrilha li xieraq tressaq. Fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2021 xehedet Dr Cynthia Tomasuolo in rappreżentanza tal-Agenzija Identity Malta u l-kawża ġiet differita għat-23 t'Awwissu 2021.

**Rinviju tat-12 t'Awiwissu 2021:** Intalab li jixhdu numru ta' xhieda li diġa xhedu sabiex jiġi korrett isem il-vittma minn Faisal Ahmeda għal Faisal Alhamed, u xhieda oħra li l-pulizija jidrilha li xieraq tressaq. Is-seduta tat-23 t'Awwissu 2021 ma saritx bi qbil bejn il-partijiet u ġiet differita għall-4 t'Ottubru 2021.

**Rinviju tas-27 ta' Settembru 2021:** Kien identiku għal dak preċedenti. Fl-udjenza tal-4 t'Ottubru 2021 xehedu Dr Mario Scerri u PC 1331 Darren Debattista u l-kawża ġiet differita għat-18 t'Ottubru 2021. Fl-udjenza tat-18

t'Ottubru 2021 xehedu Ex PS659 Jeffrey Hughes u Dr Marisa Cassar. Il-kawż ġiet differita għas-26 ta' Novembru 2021.

**Rinviju tat-18 ta' Novembru 2021:** Intalab li jiġu inseriti it-traskrizzjonijiet tal-aħħar żewġ seduti u li tittieħed konjizzjoni ta' kull prova li l-pulizija jgħoġobha tressaq. Is-seduta tas-26 ta' Novembru 2021 ma saritx minħabba indispożizzjoni tal-Qorti u ġiet differita għas-7 ta' Jannar 2022.

**Rinviju tat-22 ta' Diċembru 2021:** Huwa identiku għal dak preċedenti. Fl-udjenza tas-7 ta' Jannar 2021 ma xehed ħadd u l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandiex aktar provi f'dawn il-proċeduri. Il-kawża ġiet differita għat-18 ta' Frar 2022.

**Rinviju tad-9 ta' Frar 2022:** Intalab li jinstemgħu membri tal-korp tal-pulizija li kienu attivament involuti fil-każ u li tittieħed konjizzjoni ta' kull prova li l-pulizija jgħoġobha tressaq. Fl-udejnza tat-18 ta' Frar 2022 il-prosekuzzjoni mill-ġdid iddikjarat li m'għandiex aktar provi u ħeġġet lill-Avukat Ġenerali joħroġ l-Att tal-Akkuża, l-istess kif għamlet il-parte civile. Il-kawża ġiet differita għad-29 ta' Marzu 2022.

**Rinviju tat-28 ta' Marzu 2022:** Intalbu li jixhdu Dr Mario Scerri u Dr Marisa Cassar sabiex jagħmlu numru ta' verifiki u korrezzjonijiet fuq dak li diġa xhedu. Fl-udjenza tad-29 ta' Marzu 2022 xehed biss il-Maggur John Mary Camilleri dwar rikors ta' Chawakh Kasem. L-avukat tal-atturi ressaq it-talba tiegħu għal riferenza kostituzzjonali li ġiet verbalizzata hekk:

> *Dr Jason Grima ghall-imputati qed jitlob referenza lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili sede Kostituzzjonali u dan minhabba li l-imputati d-dritt taghhom li jkollhom smigh xieraq qed jigi miksur minhabba zewg ragunijiet, wahda id-dewmien ta' zmien li dan il-kaz qed jiehu biex il-Prosekuzzjoni tressaq il-provi taghha, u t-tieni illi f'dan l-istadju l-imputati m'ghandhom l-ebda mizura sabiex jikkontestaw id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali illi f'nofs kumpilazzjoni jiddeciedi li jbiddel l-akkuza ghal wahda iktar gravi minghajr ma jkun hemm provi godda li jindikaw li hemm il-bzonn tal-bidla fl-akkuzi, u dan stante li din il-Qorti bhala Qorti Struttorja m'ghandha l-ebda setgha li tiddeciedi fuq dan ir-rigward.*

L-Avukat Generali ingħata żmien għal risposta u l-kawża ġiet differita għall-25 t'April 2022. L-Avukat Generali oppona għat-talba bħala waħda manifestament frivola u vessatorja u l-Qorti permezz ta' digriet in camera data 18 t'April 2021 iddegredat hekk:

*Rat il-verbal tad-difiza datat 29 ta' Marzu 2022 fejn intalab li ssir referenza kostituzzjonali u dan stante li d-drittijiet tal-imputati gew lezi;*

*Rat ir-risposta dettaljata tal-Avukat Generali datata 11 ta' April 2022;*

*Stante li din il-Qorti taqbel perfettament mar-risposta tal-Avukat Generali u dan stante li gialadarba l-bdil fl-akkuza kienet entro l-limiti tad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali li wara kollox din l-akkuza, jekk ma tissusstix; tista' facilment tigi ribattuta mid-difiza u stante li a rigward id-dewmien taz-zmien jekk issir referenza kostituzzjonali aktar tista' sservi ta' dewmien ta' dawn il-proceduri milli tghin ghall-ispeditezza taghhom tichad it-talba ghar-referenza kostituzzjonali ai termini tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta minhabba li tqisha frivola u vessatorja*

Fl-udjenza tal-25 t'April 2022 xehedu Dr Marisa Cassar u Dr Mario Scerri u l-kawża tħalliet sabiex jinħareġ l-att tal-akkuża jew l-artikoli għall-31 ta' Mejju 2022.

**Rinviju tat-30 ta' Mejju 2022:** Intalab li jerġa jixhed Faisal Alhamed sabiex jikkonferma d-data tar-reat u jiġi assikurat li t-traskrizzjonijet tal-aħħar 2 seduti jkunu in atti. Fl-udjenza tal-31 ta' Mejju 2022 reġa xehed Faisal Alhamed u l-prosekuzzjoni iddikjarat 'b'mod definittiv' li ma baqaliex aktar provi. Il-kawża ġiet differita għall-1 ta' Lulju 2022.

**Rinviju tat-13 ta' Ġunju 2022:** Intalab li jixhed, fuq talba tad-difiża, rappreżentant tal-Isptar Mater dei sabiex jippreżenta rekords medici tal-vittma Faisal Alhamed u sabiex tiġi esebita karta tal-identita tal-istess. Fl-udjenza tal-1 ta' Lulju 2022 ġew preżentati d-dokumenti mitluba u l-kawża ġiet differita għall-11 t'Awwissu 2022.

**Rinviju tat-8 t'Awwissu 2022:** Intalab li jixhdu l-uffiċjali tal-korp tal-pulizija li kienu involuti fil-każ u li tittieħed konjizzjoni ta' kull prova oħra li l-pulizija tista tressaq. Is-seduta tal-11 t'Awwissu 2022 ma saritx bi qbil bejn il-partijiet u l-kawża ġiet differita għad-19 ta' Settembru 2022.

**Rinviju tat-12 ta' Settembru 2022:** Huwa identiku għal dak preċedenti. Fl-udjenza tad-19 ta' Settembru 2022 il-Prosekuzzjoni iddikjarat li ma hemm ebda membru ieħor tal-korp tal-Pulizija li għadu ma xhedx u ddikjarat mill-

ġdid li m'għandha ebda provi oħra. Il-kawża ġiet differita għas-27 t'Ottubru 2022.

**Rinviju tas-26 t'Ottubru 2022:** Huwa identiku għal dak preċedenti. Fl-udjenza tas-27 t'Ottubru 2022 il-prosekuzzjoni reġgħet iddikjarat li m'għandiex provi oħra xi tressaq u l-kawża ġiet differita għat-2 ta' Diċembru 2022.

**Rinviju tat-30 ta' Novembru 2022:** Huwa identiku għal dak preċedenti. Fl-udjenza tat-2 ta' Diċembru 2022 il-prosekuzzjoni reġgħet iddikjarat li m'għandiex provi oħra xi tressaq u l-kawża ġiet differita għall- 10 ta' Jannar 2023.

**Rinviju tal-5 ta' Jannar 2023:** Huwa identiku għal dak preċedenti. Fl-udjenza tal-10 ta' Jannar 2023 il-prosekuzzjoni reġgħet iddikjarat li m'għandiex provi oħra xi tressaq. Il-Qorti ssoleċitat lill-Avukat Generali joħroġ l-Att tal-akkuża mill-aktar fis u l-kawża ġiet differita għall- 14 ta' Frar 2023.

**Rinviju tad-9 ta' Frar 2023:** Huwa identiku għal dak preċedenti. Fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2023 il-prosekuzzjoni reġgħet iddikjarat li m'għandiex provi oħra xi tressaq u l-kawża ġiet differita għas-17 ta' Marzu 2023.

**Rinviju tas-16 ta' Marzu 2023:** Huwa identiku għal dak preċedenti. Fl-udjenza tas-17 ta' Marzu 2023 il-prosekuzzjoni reġgħet iddikjarat li m'għandiex provi oħra xi tressaq u l-kawża ġiet differita għas-27 t'April 2023.

Illi tul dawn ir-rinviju kull meta kien se jagħlaq iż-żmien għall-ħruġ tal-Att tal-Akkuża l-Avukat ġenerali dejjem ħa ħsieb li jestendi ż-żmien skont il-liġi. L-Att tal-akkuża inħareġ fis-17 t'April 2023 u ġew preżentati l-eċċezjonijiet skont il-liġi fis-26 ta' Ġunju 2023.

Illi l-kawża għadha pendenti ċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri quddiem il-Qorti Kriminali.

## KUNSIDERAZZJONIJIET

Ikkunsidrat

Illi qabel tgħaddi sabiex tikkonsidra t-talbiet tal-atturi fil-mertu tagħhom il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel għandha tindirizza t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti, li għamilha tiegħu ukoll l-kjamat in kawża.

## It-Tielet Eċċezzjoni Preliminari

Ikkunsidrat

Illi permezz ta' din it-tielet eċċezzjoni preliminari l-konvenuti u l-kjamat in kawża (minn issa imsejjħa konguntivament "il-konvenuti"[18]) jikkontendu li l-lanjanzi sollevati permezz tal-proċeduri odjerni ġia ġew sollevati mill-atturi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati meta saret talba għal referenza kostituzzjonali, u dik il-Qorti ċaħdet it-talba għaliex fil-fehma tagħha kienet frivola u vessatorja. Il-konvenuti jgħidu li f'dawn iċ-ċirkostanzi, u tenut kont dak li jipprovdi l-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni, il-proċeduri odjerni huma abbużivi *u dan għaliex ir-rikorrenti filwaqt li ma rnexxilhomx jidhlu mill-bieb, qiegħdin jittantaw illi jidhlu mit-tieqa.* Huma jikkontendu li anke t-talbiet odjerni għandhom jiġu dikjarati bħala frivoli u vessatorji.

Illi dwar din l-eċċezzjoni l-konvenuti għamlu referenza ampja għall-ġurisprudenza prevalenti in tema, ġurisprudenza li tidher li ssosstni t-teżi tagħhom. Il-konvenuti da parti tagħhom naqsu milli jindirizzaw din l-eċċezzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom.

Ikkunsidrat

Illli kif jidher min-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti dan il-punt ġa ġie dibattut fil-qrati tagħna u ormai l-prinċipji regolaturi huma ben stabbiliti. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza mgħotija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet **Mary Grech vs Avukat Ġenerali et** deċiża fis-16 ta' Jannar 2023 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Ġunju 2025. Fis-sentenza mgħotija mill-ewwel l-Qorti hemm referenza għall-ġurisprudenza l-aktar relevanti:

> *Il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet* ***L-Avukat Dottor Anthony P. Farrugia vs Financial Intelligence Analysis Unit et****, deċiża fis-17 t'Ottubru 2023 u fejn il-Qorti għamlet referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, fl-ismijiet* ***Alfred Attard vs Avukat Ġenerali*** *deċiża fis-6 ta' Mejju 1992, u kkonkludiet is-segwenti:*

[18] Dan anke invista tal-fatt li l-Avukat tal-Istat għamel tiegħu l-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenuti.

> *"Din is-sentenza stabbiliet li meta parti tħoss li jkollha kwistjoni ta' natura kostituzzjonali f'Qorti li ma tkunx il-Prim' Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali, il-parti tista` jew tiftaħ kawża quddiem din il-Prim' Awla nkella tqajjem il-kwistjoni quddiem il-Qorti li tkun qiegħda tisma` l-kawża u titlob referenza għal din il-Qorti. Jekk il-Qorti li tkun tisma` l-kawża tiddeċiedi li l-kwistjoni hija waħda frivola jew vessatorja, il-parti ma tistax imbagħad tiftaħ kawża fuq kwistjoni li tkun materjalment jew intrinsikament konnessa mal-mertu tal-każ pendenti quddiem il-Qorti ordinarja, għaliex, jekk tagħmel hekk, effettivament dik il-parti tkun qiegħda tappella mid-deċiżjoni tal-Qorti ordinjarja li l-kwistjoni hija frivola jew vessatorja"*

*Fil-fatt id-deċiżjoni fuq ċitata fl-ismijiet* **Alfred Attard vs Avukat Ġenerali** *tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet* **Nicholas Ellul vs Kummissarju tal-Pulizija** *deċiża fit-22 ta' Mejju 1991 u fejn il-Qorti kkonkludiet:*

> *"(a) Kull meta f'xi proċeduri f'xi qorti li ma tkunx il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, xi waħda mill-partijiet jidhrilha li tirrikorri xi kwistjoni kostituzzjonali dik il-parti tista:*
> *(i) tagħmel rikors quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili;*
> *(ii)tqanqal il-kwistjoni quddiem il-Qorti fejn ikunu għaddejjin ilproċeduri u titlob lil dik il-Qorti biex tirriferixxi l-kwistjoni lill-Prim' Awla talQorti Ċivili;*
>
> *(b) <u>jekk u meta l-ewwel qorti tiċħad ir-riferenza għaliex il-kwistjoni mqanqla tirriżulta sempliċiment frivola u/jew vessatorja, allura l-parti ma tistax tirrokorri għall-proċedura tar-Rikors</u> sabiex, fuq l-istess mertu tal-kwistjoni, effettivament tkun qed tappella minn dik id-deċiżjoni li lkwistjoni hija frivola u/jew vessatorja;*
>
> *(c) l-ewwel qorti hija obbligata li tirrispetta l-ġurisdizzjoni esklussiva tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili f'kull kwistjoni li tirrigwarda l-artikolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, b'mod illi, tali kwistjoni sollevata quddiemha għandha tiġi riżolta mhux minn dik il-Qorti imma mill-organi li għandhom dik il-ġurisdizzjoni – ħlief meta dik l-ewwel qorti, tqis li l-kwistjoni sollevata hija sempliċiment frivola u vessatorja"*

*Din il-Qorti m'għandha xejn xi żżid mal-insenjament tal-Qrati taghna kif fuq ċitat, ħlief li tagħmlu tagħha u għalhekk la darba stabbilit illi dak li r-rikorrenti trid illi jigi diskuss u deciz hawnekk bil-kawza minnha hawnekk proposta, huwa fis-sustanza identiku ghal dak illi hija talbet referenza kostituzzjonali dwaru fil-kawza 349/2016/1, allura l-eċċezzjonijiet ... ... ghandhom mis-sewwa, u l-Qorti tqis illi hija ghandha tilqa' l-istess eccezzjonijiet, u in kwantu illi l-azzjoni proposta quddiem din il-Qorti qed titqies improponibbli, hija ser tastjeni milli tiddeciedi dwar il-bqija tal-vertenza, inkluz mill-eccezzjonijiet preliminari l-ohra illi din is-sentenza kellha titratta.*

Illi din il-Qorti ukoll taqbel ma dan l-insenjament u hi ukoll tagħmlu tagħha. Iżżied biss billi tirreferi għal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha li biha ikkonfermat s-sentenza fuq imsemmija fl-ismijijet **Dr. Anthony P Farrugia vs Financial Intelligence Analyses Unit et**[19]:

*23. Evidenti li l-leġislatur ma riedx jagħti dritt ta' appell fejn deċiżjoni taħt l-Art. 46 tkun iddikjarat li t-tqanqil ta' kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja. Għalhekk m'għandux ikun li wara r-rikorrent jagħmel talba identika billi minflok jiftaħ kawża kostituzzjonali, fejn ovvjament ser jerġa' jiġi eżaminat il-punt. Dik il-materja ġiet determinata b'mod defenittiv fl-istadju meta r-rikorrent talab lill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) sabiex tordna referenza ai termini tal-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni u Art. 4 tal-Kap. 319. Ir-raġunament li għamlet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) meta ċaħdet it-talba tar-rikorrent sabiex tordna referenza, fiha nnifisha turi li dik il-qorti kkunsidrat it-talba bħala "sempliċement frivola jew vessatorja" (Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni). Għalhekk il-fatt li fid-deċiżjoni il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) ma inkluditx espressament il-kelma 'sempliċement' mhuwiex ta' vantaġġ għar-rikorrent.*

Illi minn din il-ġurisprudenza huwa ċar li meta persuna titlob referenza kostituzzjonali u din t-talba tiġi miċħuda minħabba li tkun frivola u vessatorja, dik il-persuna ma tistax terġa tressaq l-istess lanjanzi li dwarhom talbet ir-referenza permezz ta' proċeduri ġodda direttament quddiem qorti ta' kompetenza kostituzzjonali. Dan stabbilit il-Qorti issa trid tara jekk il-lanjanzi tal-atturi mertu tal-proċeduri odjerni humiex l-istess li dwarhom talbet ir-referenza.

[19] 25 t'Ottubru 2023

Illi mill-atti kumpilatorji jirriżulta li t-talba tal-atturi għal referenza kostituzzjonali kienet bażata fuq:

- allegazzjoni ta' ksur tal-jedd għal smigħ xieraq riżultanti mit-tħaddiem tal-artikolu 435 tal-Kap 9, u dan għaliex id-diskrezzjoni tal-Avukat Ġenerali li jżied akkużi aktar ġravi fil-fażi kumpilatorja ma tistax tiġi kontestata, u
- allegazzjoni ta' ksur tal-jedd għal smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli minħabba d-dewmien fil-proċeduri.

Illi d-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati kien ukoll jindirizza dawn iż-żewġ talbiet u dan billi pprovda li:

- *Stante li din il-Qorti taqbel perfettament mar-risposta tal-Avukat Generali u dan stante li gialadarba l-bdil fl-akkuza kienet entro l-limiti tad-diskrezzjoni tal-Avukat Generali li wara kollox din l-akkuza; jekk ma tissusstix; tista' facilment tigi ribattuta mid-difiza*
- *u stante li a rigward id-dewmien taz-zmien jekk issir referenza kostituzzjonali aktar tista' sservi ta' dewmien ta' dawn il-proceduri milli tghin ghall-ispeditezza taghhom*

*tichad it-talba ghar-referenza kostituzzjonali ai termini tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta minhabba li tqisha* ***frivola u vessatorja***

Illi filwaqt li fir-rigward tal-allegata leżjoni minħabba t-tħaddiem tal-artikolu 435 tal-Kap 9 il-Qorti tal-Maġistrati iddisponiet mit-talba wara li b'xi mod ikkunisdrata l-mertu tat-talba, u cioe li dak li sar kien jaqa fil-parametri tas-setgħat tal-Avukat Generali u li jekk l-akkuża miżjuda ma tissustix tista tiġi ribattuta mill-provi. Fir-rigward tal-allegata lezjoni minħabba dewmien tal-proċeduri l-Qorti tal-Magistrati qalet sempliċiment li jekk issir riferenza kostituzzjonali din se tkun qed twassal għal aktar dewmien.

Illi kif ġa ntqal il-proċeduri odjerni, in kwantu jirreferu għall-allegat ksur tad-dritt għal smigh xieraq, ukoll huma bażati fuq id-diskrezzjoni inkontestata li l-artikolu 435 tal-Kap 9 jagħti lill-Avukat Ġenerali li jżied akkużi aktar ġravi, u fuq id-dewmien fil-proċeduri.

Illi fir-rigward tal-lanjanza in kwantu tirreferi għall-applikazzjoni tal-artikolu 435 l-Qorti hija tal-fehma li l-Qorti tal-Maġistrati ikkunsidrat it-talba u waslet għal konkluzjoni li kienet frivola u vessatorja. Għalhekk, u skont il-prinċipju ormai ben stabbilit fil-ġurisprudenza, din l-istess lanjanza ma tistax terga tiġi proposta quddiem din il-Qorti għaliex altrimenti tkun qed tippermetti appell mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati.

Illi l-istess ma jistax jingħad għall-lanjanza dwar dewmien fil-proċeduri. Il-fatt li f'dak il-mument partikolari l-Qorti tal-Maġistrati deherilha li l-lanjanza dwar dewmien ma kellhiex tiġi riferuta lill-Qorti kompetenti għaliex kienet ser twassal għal aktar dwemien fil-proċeduri u dan fil-fehma tagħha kien jirrendi t-talba bħala frivola u vessatorja, irid jittieħed in konsiderazzjoni fid-dawl tal-fatt li l-ilment dwar id-dewmien fil-proċeduri penali kif interpost fil-proċeduri odjerni jirreferi anke għad dewmien li seħħ wara l-għoti tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati, u allura għal dewmien li dik il-Qorti ma ġietx mitluba tippronunzja dwaru. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma li għandha tieħu l-lanjanza tal-atturi dwar dewmien in konsiderazzjoni fil-mertu tagħha.

Illi għandu jiġi rilevat li fil-proċeduri odjerni l-atturi qed jallegaw ksur ta' dritt ieħor marbut mal-lanjanza dwar it-tħaddiem tal-artikolu 435, u ċioe ksur tad-dritt sanċit permezz tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Dan il-ksur ma ġiex allegat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, u t-talba għar-referenza ma saritx a bażi tal-allegat ksur ta' dan l-artikolu b'mod li dan l-aspett tal-lanjanza ma ġiex dibattut quddiem il-Qorti tal-Maġistrati li konsegwentement ma tat l-ebda deċiżjoni dwaru.

Illi tenut kont tas-suespost it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti qed tintlaqa' biss fir-rigward tat-talbiet tal-atturi in kwantu jirreferu għall-ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq bħala riżultat tat-tħaddiem tal-artikolu 435 tal-Kap 9 u qed tiġi miċħuda għall-bqija.

## **Dritt ta' Smiegħ Xieraq fi żmien Raġonevoli**

Ikkunsidrat

Illi artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li:

> *39.(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

Illi fi kliem kważi identiku l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdi li:

> *(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta'xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat g ħal smigħ*

*imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. ... ...*

Illi l-*Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights (Criminal Limb)* jipprovdi illi:

*331. The reasonableness of the length of proceedings is to be determined in the light of the circumstances of the case, which call for an overall assessment (Boddaert v. Belgium, 1992, § 36). Where certain stages of the proceedings are in themselves conducted at an acceptable speed, the total length of the proceedings may nevertheless exceed a "reasonable time" (Dobbertin v. France, 1993, § 44).*[20]

Illi fis-sentenza **Konig vs Germany**, liema sentenza ilha għal diċenji tintuża bħala l-bażi għall-kriterji sabiex jiġi assesjat jekk il-prinċipju ta' żmien raġonevoli ġiex vjolat jew le, tipprovdi li:

*99. The reasonableness of the duration of proceedings covered by Article 6 para. 1 (art. 6-1) of the Convention must be assessed in each case according to its circumstances. When enquiring into the reasonableness of the duration of criminal proceedings, the Court has had regard, inter alia, to the complexity of the case, to the applicant's conduct and to the manner in which the matter was dealt with by the administrative and judicial authorities (above-mentioned Neumeister judgment, pp. 42-43, paras. 20-21; above-mentioned Ringeisen judgment, p. 45, para. 110). The Court, like those appearing before it, considers that the same criteria must serve in the present case as the basis for its examination of the question whether the duration of the proceedings before the administrative courts exceeded the reasonable time stipulated by Article 6 para. 1 (art. 6-1).*

Illi l-Qorti Kostituzzjonali kienet elaborat fuq dak stabbilit fuq is-sentenza suċitata meta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Francis Theuma vs Avukat Generali**[21] qalet hekk:

*2. X'inhuma dawn il-kriterji? Bazikament dawn huma tlieta: il-komplessita` tal-kaz, il-mod kif tkun gabet ruhha l-istess persuna li qed tilmenta minn dewmien mhux ragonevoli, u il-mod kif igibu*

[20] Edizzjoni tal-31 Awwissu 2022
[21] 27 ta' Ġunju 2003

*ruhhom l-awtoritajiet koncernati (ara* ***Konig v. Germany****, A.27 (1978) 2 EHRR 170, para. 99). S'intendi, dawn il-kriterji jridu jigu applikati ghall-kaz konkret u mhux fl-astratt, b'mod ghalhekk li ghandu jigi ezaminat sew il-process li jkun qed jigi allegat li jaghti lok ghall-ksur lamentat. Ma hemmx, ghalhekk, xi periodu pre-determinat, applikabbli ghal kull kaz, li jekk jinqabez ikun hemm ksur minhabba dewmien mhux ragonevoli:*

*"When the length of the relevant period has been established, it must subsequently be determined whether this period is to be regarded as reasonable. In many cases the Court only makes an overall assessment, in other cases however, it assess the lapse of time in each stage of the proceedings. The reasonableness cannot be judged in the abstract but has to be assessed in view of the circumstances of each individual case. The interests of the person concerned in as prompt a decision as possible will have to be weighed against the demands of a acreful examination and a proper conduct of the proceedings…The application of the criteria, the complexity of the case, the conduct of the applicant and the conduct of the authorities, may lead to different conclusions. In the Bunkate Case for instance, a criminal case, the relevant period lasted two years and ten months. The lapse of time was amongst other factors caused by a period of total inactivity of fifteen and a half months between the filing of the appeal on points of law and the reception of the case-file by the registry of the Supreme Court. This period in itself infringed the reasonable-time requirement. On the other hand, in the Boddaert Case it took slightly more than six years to determine the 'criminal charge'. This lapse of time did not violate Article 6. Comparable differences may be noted as far as civil proceedings are concerned. In the Ciricosta and Viola Case an overall period of more than fifteen years did meet the requirements of Article 6(1), but a lapse of time that lasted four years and five months in the Pugliese II Case did not pass muster."* [22]

Illi din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Giovanna Pace vs Avukat tal-Istat**[23] tgħid illi:

*Dwar it-tifsira tal-kunċett ta' żmien raġonevoli, il-Qrati Tagħna wkoll esprimew ruħhom u sostnew it-terminu fih innifsu għandu element qawwi ta' diskrezzjonalita` li jħalli f'idejn il-ġudikant*

[22] Van Dijk, P. u van Hoof, G. J. H., **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** Kluwer Law (The Hague) 1998, pp. 446-449.
[23] 20 ta' Frar 2023

> *jiddetermina jekk fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, Iż-żmien perkors sakemm il-persuna allegata tkun ġiet ġudikata, kienx ta' tul tali li jeċċedi dak li hu jew għandu jkun normalment aċċettabbli f'soċjeta demokratika. Dan kollu jindika li kull każ għandu jiġi eżaminat fid-dawl taċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu (Ara* ***Zakkarija Calleja vs L-Avukat Ġenerali*** *deċiża mill-*Qorti Kostituzzjonali *fil-15 ta' Diċembru 2015).*

Illi din il-Qorti se tkun qed tanalizza it-tlett kriterji stabbiliti mill-ġurisprudenza b'riferenza għall-każ odjern:

*Il-komplessita` tal-Każ*

Illi l-proċedui penali bdew prinċiplament dwar offizi ta' natura gravissima, u eventwalment żdiedu l-akkużi ta' ħsara volontarja kif ukoll dik ta' tentattiv ta' omiċidju.

Illi l-akkużi kif finalment miġjuba kontra l-atturi kienu jikkomportaw piena ta' għomor ħabs imnaqqsa bi grad jew tnejn għalhekk il-każ kien wieħed ta' ċertu gravita. Minkejja dan, u bla ma tidħol fil-mertu tal-akkużi nnifishom, mill-atti kumpilatorji jidher li l-fatti ma kienux fost l-aktar ikkomplikati. Kien hemm ġlieda bejn numru ta' persuni li wasslet biex persuna minnhom sofriet ġrieħi ta' natura gravi u għamlet xi żmien fil-periklu tal-mewt. Jidher li kien hemm filmati u anke numru ta' xhieda, filwaqt li tqabbdu anke esperti sabiex janalizzaw il-kundizzjoni klinika tal-vittma u jittieħdu samples ġenetiċi anke minn fuq l-imputati.

Illi l-proċeduri qatt ma kienu tali li kienu se jingħalqu f'numru żgħir ta' seduti għaliex anke l-fatt li ġew inkarigati esperti, kif kellu jsir, kien minnu nnifsu se jtawwal il-proċeduri. Madanakollu t-tul ta' circa 9 snin sa ma nħareġ l-Att tal-Akkuża kien wieħed li fil-fehma ta' din il-Qorti kien twil wisq komparat mal-fatti speċi ta' dan il-każ.

*Il-mod kif tkun gabet ruhha l-istess persuna li qed tilmenta minn dewmien mhux ragonevoli*

Illi fis-sommarju tal-provi ngħata rendikont fil-qosor x'sar f'kull udjenza.

Illi jekk wieħed iħares lejn is-seduti miżmuma jinduna li kienu ftit li xejn is-seduti li ma sarux minħabba indispożizzjoni tal-imputati, hawn atturi, jew tal-avukat tagħhom, anzi f'istanzi fejn l-imputati għal xi raġuni jew oħra ma kienux preżenti, jew inkella meta kien preżenti biss wieħed minnhom, l-

avukat tal-atturi kien jagħti l-kunsens sabiex il-proċeduri jitkomplew xorta waħda.

Illi saħansitra meta l-prosekuzzjoni għal darba darbtejn preżentat ċitazzjoni ġdida, id-difiża qatt ma talbet li jergħu jixhdu ix-xhieda li kienu diġa xehedu salv għal 2 xhieda biss meta l-akkuża ġiet elevata għal tentattiv ta' omiċidju.

Illi l-unika seduti li ġew differiti bi qbil bejn il-partijiet kienu dawk skedati f'Awwissu kif inhija il-prassi fil-qrati tagħna.

Illi apparti minn hekk, meta ż-żmien beda jitwal sewwa, id-difiża bdiet tfakkar li tali dewmien jista jwassal għal leżjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Eckle vs Germany**[24], il-Qorti Ewropea tgħid illi:

> *Article 6 (art. 6) did not require the applicants actively to co-operate with the judicial authorities. Neither can any reproach be levelled against them for having made full use of the remedies available under the domestic law. Nonetheless, their conduct referred to above constitutes an objective fact, not capable of being attributed to the respondent State, which is to be taken into account when determining whether or not the proceedings lasted longer than the reasonable time referred to in Article 6 par. 1 (art. 6-1) (see, mutatis mutandis, the above-mentioned König judgment, pp. 35-36, 37, 38 and 40, par. 103, 105, 108 and 111, and the Buchholz judgment of 6 May 1981, Series A no. 42, pp. 18 and 22, par. 56 and 63).*

Illi mill-fatt kif joħorġu mill-proċess kriminali jidher li d-difiża kkoperat b'mod attiv u jekk xejn ma fixklitx lill-prosekuzzjoni u għaldaqstant l-aġir tal-atturi ma jidhirx li kien kontributorju għad-dewmien

*Il-mod kif igibu ruħhom l-awtoritajiet koncernati*

Illi wieħed hawnekk jeħtieġ li jitfa ħarstu fuq il-prosekuzjoni, l-Avukat Generali u l-Qorti.

Illi fil-każ **Abdoella vs Holland**[25], il-Qorti Ewropea tgħid illi:

[24] 8130/78 – 15 ta' Lulju 1982
[25] 12728/87 – 25 ta' Lulju 2025

> *Article 6 para. 1 (art. 6-1) imposes on the Contracting States the duty to organise their legal systems in such a way that their courts can meet each of its requirements.*

Illi din il-Qorti ma setgħatx ma tinnutax illi tul id-disa' snin li damet pendenti l-kumpilazzjoni l-Qorti tal-Magistrati dejjem żammet is-seduti skedati ħlief għal darba waħda biss meta l-Qorti kienet maqbuda b'xogħol ieħor.

Illi huwa vera li l-proċeduri jitmexxew quddiem il-Qorti u l-Qorti għandha is-setgħat u d-doveri tagħha, madanakollu fi proċeduri stuttorji ħafna jiddependi mill-prosekuzzjoni u aktar minn hekk, mill-Avukat Ġenerali. Huwa l-Avukat Ġenerali li, wara degriet prima facie mgħoti mill-Qorti tal-Maġistrati, u skont l-artikolu 405 tal-Kap 9 jista' jitlob li jsiru mistoqsijiet ulterjuri lil xhieda ġia prodotti jew li jitressqu provi oħra qabel ma jinħareġ l-Att ta' Akkuża.

Illi minkejja dan fis-sentenza fl-ismijiet **Giovanna Pace vs Avukat tal-Istat**[26] din il-Qorti kif diversament presjeduta tgħid li:

> *.... illi, għalkemm jidher ċar illi n-nuqqasjiet huma imputabbli prinċipalment lejn l-Avukat Ġenerali w il-Pulizija, il-Qorti għandha r-responsabbiltajiet tagħha, stante illi tali ksur seħħ taħt l-awspiċju tagħha, minkejja li għandu jingħad illi l-leġislazzjoni odjerna timpedixxi lill-Qrati sabiex joperaw b'mod aktar effettiv minħabba fil-kontroll aħħari illi għandu l-Avukat Ġenerali – il-Qorti setgħet, f'dawn iċ-ċirkostanzi, tirriferi di suo sponte, l-possibbilta' ta' ilment kostituzzjonali dwar dewmien lill-Prim' Awla, Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali, sabiex l-aġir abbużiv tal-Avukat Ġenerali u l-Pulizija jitwaqqaf u jingħata terminu biex jagħlaq il-provi, wara liema terminu, l-Avukat Ġenerali ma jkunx jista' jagħmel aktar rinviji, u dan bħalma ġara fil-każ ta'* ***Tarcisio Mifsud vs Avukat Ġenerali et.***

Illi jekk wieħed jagħti ħarsa lejn l-udjenzi kollha f'din il-kawża wara li ingħata d-degriet prima facie jinnota li kien hemm erbgħa raġunijiet prinċipali għad-dewmien ta' din il-kawża:
- Diversi differimenti fejn il-prosekuzzjoni ma ħarrket ebda xhieda jew li talbet differiment
- Diversi differimenti fejn minkejja li l-prosekuzzjoni kienet iddikjarat li ma baqaliex provi xi tressaq xorta waħda ġew rinvijati lura l-atti bla nħareġ l-Att tal-Akkuża

[26] 145/2021 FDP - 20 ta' Frar 2023

- Differimenti fejn instemgħa xhud wieħed biss meta kien setgħa instemgħu aktar xhieda
- Differimenti fejn tħarrku xhieda biss sabiex jikkjarifikaw dati jew ismijiet, xi ħaġa li bi ftit aktar attenzjoni setgħet ġiet indirizzata fis-seduta meta xhedu l-ewwel darba.
- Differimenti biex jinstemgħu xhieda fuq talba tal-Avukat Ġenerali fi stadju inoltrat meta faċilment setgħu jintalbu qabel.

Illi ssir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Anton Camilleri vs Avukat Ġenerali**[27] ukoll deċiża minn din il-Qorti kif diversemant presjeduta fejn ġie riaffermat li:

> *Illi d-dritt fundamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa b'mod xieraq u fi żmien raġonevoli timponi fuq l-Istat li jħares id-dritt li jassigura l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja. Dan jitnissel billi l-Istat jipprovdi strutturi, riżorsi u għodod li bihom il-Qrati ikunu jistgħu iwettqu xogħolhom kif imiss. B'żieda ma' dan ingħad ukoll li l-investigazzjoni ta' dewmien fis-smiegħ ta' kawża m'għandhiex issir sempliċistikament fit-termini dojoq tal-kawża partikolari, imma f'termini ferm usa li jħaddnu ċ-ċirkostanzi kollha li fihom dik il-Qorti tkun qiegħda taħdem fiż-żmien relattiv.*
>
> *Illi b'danakollu, jekk minħabba l-inadekwenza tal-istrutturi li tfasslu biex titħaddem il-magna tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja ibati bla ħtija ċ-ċittadin, l-Istat irid jagħmel tajjeb għal tali tbatija. Għaliex kif qalet il-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' kawżi, meta kienet qiegħda tagħrbel l-implikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, "...... (that article imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that the Courts can meet the requirements of this provision [Salesi vs Italy (26/2/1993)]. It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility [Katte Klitsche de la Grange vs Italy (27/10/19940]. Aktar reċentement, dik il-Qorti kienet f'qagħda li żżid tgħallem li "whether or not the subject matter of the cases called for particular urgency in deciding them,......it is for the Contracting states to organise their legal systems in such a way that their courts can guarantee the rights to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil*

[27] 71/2010 JRM - 22 ta' April 2015

> *rights and obligations within a reasonable time [Horvat vs Croatia (26/7/2001)].*

Illi b'applikazzjoni ta' dan it-tagħlim ġurisprudenzjali għall-każ in eżami l-Qorti hija tal-fehma li disa' snin biex tingħalaq definittivament il-fażi kumpilatorja tal-proċeduri penali kontra l-atturi huwa dewmien irraġonevoli imputabbli lill-entitajiet kollha konċernati.

Illi għalhekk issib li l-atturi soffrew ksur ta' dritt fundamentali għal smiegħ xieraq fi żmien raġonevoli.

Ikkunsidrat

**L-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni**

Ikkunsidrat

Illi kif intqal l-atturi jallegaw li l-applikazzjoni tal-artikolu 435 tal-Kap 9 fil-każ tagħhom wassal għall-ksur tad-dritt fundamentali tagħhom sanċit permezz tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

Illi l-imsemmi artikolu 7 jipprovdi li

> *ħadd ma għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas ma għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar.*

Illi fil-fehma tal-Qorti anke minn sempliċi qari ta' din id-dispożizzjoni għandu jkun ċar li kull referenza għaliha hija infondata.

Illi l-*Guide on Article 7 of the European Convention on Human Rights*[28] jipprovdi illi:

> *3. Article 7 only applies where the person has been "found guilty" of committing a criminal offence. It does not cover mere ongoing prosecutions, for example (Lukanov v. Bulgaria, Commission decision of 1995), or a decision to extradite an individual (X v. the Netherlands, Commission decision of 1976). For the purposes of the Convention, there can be no "conviction" unless it has been*

[28] Edizzjoni tat-28 ta' Frar 2025

*established in accordance with the law that there has been an offence (Varvara v. Italy, 2013, § 69).*

Illi dan huwa rifless ukoll fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna:

*27. … … Fis-sentenza fl-ismijiet Camilleri vs. Malta, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:*

*"The guarantee enshrined in Article 7 should be construed and applied, as follows from its object and purpose, in such a way as to provide effective safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment. Article 7§1 of the Convention sets forth the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (nullum crimen sine lege). It follows that offences and the relevant penalties must be clearly defined by law. This requirement is satisfied where the individual can know from the wording of the relevant provisions and, if need be, with the assistance of the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable (Scoppola v Italy (no. 2) 10249/03 (17 September 2009)."*

*Il-jedd li għandu jiġi mħares permezz ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, huwa l-jedd li persuna tkun mgħarrfa u li jkollha prevedibbilità tas-sanzjoni jew penali li tista' tiffaċċja meta jkun hemm proċeduri kriminali fil-konfront tagħha. Il-liġi trid tkun ċara dwar x'inhu dak li jammonta għal reat jew offiża kriminali, u għandha tassigura li s-sejbien ta' ħtija meta individwu jiffaċċja akkużi kriminali, ma jkunx wieħed arbitrarju.*

*28. Il-Qorti tqis li mhuwiex korrett meta r-rikorrent isostni li huwa sofra leżjoni tal-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa bl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni … għaliex huwa għadu ma nstabx ħati, u għalhekk għadu ma ġiex ikkundannat, u m'hemm l-ebda sejbien ta' reat jew piena inflitta fuqu li mhumiex previsti fil-liġi. Biex wieħed jista' jgħid li sofra leżjoni taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni …… , wieħed irid bilfors juri li nstab ħati ta' reat li meta jkun sar, ma kienx meqjus bħala reat mil-liġi, jew inkella jrid juri li fuqu ġiet inflitta piena li kienet aktar ħarxa minn dik li kienet tapplika meta ġie kommess ir-reat.*

Illi anke fil-każ in eżami l-atturi għandhom ma nstabux hatja ta' xi reat, u wisq anqas ikkundannat, għalhekk anke fil-każ in eżami ma jistax jingħad li kien hemm sejbien ta' reat jew piena inflitta fuqhom li mhumiex previsti fil-liġi. U l-inklużjoni tar-reat ta' attentat ta' omiċidju, reat previst mill-ligi, mal-akkużi ġia miġjuba fil-konfront tal-atturi bit-tħaddiem tal-artikolu 435 bl-ebda mod ma tista tinkwadra ruħha fl-artikolu 7 li tiegħu qed jiġi allegat ksur.

Illi għalhekk il-Qorti ma tqisx li l-atturi seħħilhom juri li soffrew xi ksur tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni

Ikkunsidrat

**Kumpens**

Illi għalkemm jeżistu sentenzi li jipprovdu li dikjarazzjoni ta' leżjoni tista f'xi istanzi tkun ta' rimedju effettiv, din il-Qorti jidrilha li fil-każ in eżami jkun aktar xieraq li għal-leżjoni sofferta minħabba d=dewmien tal-proċeduri penali kontra l-atturi jkun hemm ħlas ta' ammont ta' flus f'forma ta' danni non-pekunjarji.

Illi tul, is-snin kollha li l-proċeduri ilhom pendent l-atturi ,hux biss għaddew u għadhom għaddejjin minn żmien twil ta' inċertezza imma aktar minn hekk, kif jirriżulta mill-Atti, l-atturi m'humiex ta' nazzjonalita Maltija u m'għandhomx familjari Malta għalhekk dan iż-żmien ta' incertezza jaggrava ruħu.

Illi l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni ammmonti li ġew likwidati f'ċkażijiet li kienu jikkonċernaw dewmiwn fil-proċeduri:

- fis-sentenza fl-ismijiet **Anton Camilleri vs Avukat Generali**[29] deċiża din il-Qorti diversament preseduta, għal proceduri li kienu inbdew fis-sena 2004 u ntemmu fis-sena 2010, il-Qorti kienet akkordat l-ammont ta' €3,000.
- fis-sentenza fl-ismijiet **Tancred Tabone vs Avukat tal-Istat et**[30] għal proċeduri li bdew fis-sena 2013 u li sa dak iż-żmien (2024/2025) ma kienux mitmuna l-Qorti akkordat l-ammont ta' €7,000.
- fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Grech vs l-Avukat Generali**[31] għal proċeduri li bdew fis-sena 2013 u li sa dak iż-żmien (2023/2025) ma kienux mitmuma, il-Qorti illikwidat il-kumpens ta' €2,500.

[29] 71/2020RGM - 1 ta' Frar 2016
[30] 84/23TA 11 ta' Lulju 2024 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-24 ta' Frar 2025
[31] 234/2022RGM - 27 ta' Settembru 2023 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Jannar 2025.

Illi fiċ-ċirkostanzi l-Qorti jidrilha li in vista tal-ammonti kif likwidati fis-sentenzi hawn ċitati, l-ammont ta' €4,000 għal kull wieħed mill-atturi għandu jkun wieħed adekwat.

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta u tiddeċiedi billi:
**Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti** stante li din ġiet irtirata.

**Tilqa in parti t-tielet eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti u tal-kjamat in kawża** u dan sa fejn din tolqot l-lanjanza dwar ksur tad-dritt għas-smigħ xieraq bħala riżultat tat-tħaddiem tal-artikolu 435 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tiċħadha fil-bqija; konsegwentement
**Tiddikjara l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba tal-atturi** in kwantu jirreferu għall-ksur tad-dritt għal smigħ xieraq sanċit permezz tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni **huma improponibbli**; u

**Tiċħad l-ewwel, it-tieni u t-tielet talba tal-atturi** fil-bqija.

**Tilqa ir-raba talba tal-atturi** u tiddikjara li kien hemm ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u dan minħabba d-dewmien fil-proċeduri penali kontra atturi.

**Tilqa l-ħames talba** u tillikwida kumpens non pekunjarju dovut lill kull wieħed mill-atturi fl-ammont ta' erbat elef euro (€4,000).

**Tilqa s-sitt talba** u tordna lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu lill-atturi l-ammont hekk likwidat.

**Tiċħad is-sebgħa talba** stante li din il-Qorti jidrilha li r-rimedji xierqa jixraq ġew mogħtija permezz tal-kumpens hawn likwidat.

L-ispejjeż jitħallsu nofs mill-atturi u nofs mill-konvenuti in solidum.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**